# διδαχὴ

# DIDACHÈ

## It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu

maqlub għall-Malti mit-test Grieg b'noti ta' tifsir

minn

**Donat Spiteri OFMCap**



# διδαχὴ

# DIDACHÈ
## It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu

maqlub għall-Malti
mit-test Grieg
b'noti ta' tifsir

minn

**Donat Spiteri OFMCap**

Floriana
1999

*Pubblikazzjoni:* Provinċja Kapuċċina 1999

*Issetjat:* Martin Micallef OFMCap

*Stampat:* Veritas Press

©Provinċja Kapuċċina, Malta, 1999

*Stampa tal-faċċata:*
L-AGÁPE: L-ikla ta' l-imħabba ta' l-Insara.
Ruma, Katakombi ta' San Pietru u San Marċellinu.

## ĦAJR LIL

P. Eġidju Mizzi OFMConv li għoġbu jirrevedi t-traduzzjoni tat-test Grieg tad-*Didachè.*

P. Martin Micallef OFMCap li kiteb il-Preżentazzjoni ta' dan il-ktieb u li għamel ix-xogħol kollu ta' l-issettjar.

Lil Mr Robbie Mamo li għamel il-*proof reading.*

It-test Grieg tad-*Didachè,* li hu maqlub għall-Malti f'din il-pubblikazzjoni, hu dak li jinsab fl-edizzjoni ta' WILLY RORDORF - ANDRÈ TUILIER, *La Doctrine Des Douze Apôtres (Didachè),* Paris 1978.

# WERREJ

Preżentazzjoni ........................................................ 6

Noti ta' Tagħrif Ġenerali ........................................... 10

Test u Noti ta' Tifsir ................................................ 32

Bibliografija ............................................................ 70

# PREŻENTAZZJONI

*"Erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi bjadu għall-ħsad!"*

Ġw 4,35

Hekk jgħid Ġesù lid-dixxipli fir-Raba' Kapitlu ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann. Dan il-kliem narah japplika ħafna għalina l-Maltin u l-Għawdxin. Jidher li tassew wasal żmien il-ħsad anke għalina.

Fostna hawn moviment qawwi mhux biss biex insiru midħla tal-Kelma ta' Alla, imma hawn ukoll għatx kbir għal kitbiet oħra ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja. Dan jidher li huwa frott ta' nies li jixtiequ jimpenjaw aktar lilhom infushom fil-mixja tagħhom wara Ġesù Kristu.

Għalkemm dan it-tip ta' letteratura nsibuh tradott mill-Grieg u mil-Latin għal bosta lingwi oħra moderni, b'danakollu l-poplu tagħna donnu għadu qed jistenna biex dawn it-testi daqshekk sbieħ jiġu tradotti bil-Malti wkoll. Għaliex le!

P. Donat Spiteri, Kapuċċin, daħal minn rajh għal dil-biċċa xogħol permezz ta' din il-pubblikazzjoni tad-*Didachè.* P. Donat m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni magħna l-Maltin u l-Għawdxin. Il-kotba tiegħu u s-sehem kbir li ta fil-gżejjer tagħna huma apprezzati minn ħafna minna.

Li nixtieq ngħid dawar P. Donat huwa biss li kif hu kien wieħed mill-pijunieri li ta sehem kbir biex il-Bibbja, il-Kelma ta' Alla, tkun f'idejna bil-lingwa tagħna, hekk ukoll bil-pubblikazzjoni ta' dal-ktieb, P. Donat se jkun ukoll pijunier biex il-poplu tagħna jkollu l-opportunità li jibda jaqra bil-Malti dokumenti daqshekk importanti għall-Knisja.

Id-*Didachè,* isem li ġej mill-Grieg, ifisser *tagħlim.* Dal-ktieb, magħruf ukoll bħala "It-Tagħlim tat-12-il Appostlu", huwa dokument qadim ħafna fil-Knsija. Għalkemm hu dokument pjuttost qasir - magħmul minn 16-il kapitlu qosra - jibqa' kitba importanti ħafna minħabba d-dawl li jitfa' fuq kif kienu jgħixu l-Insara fl-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Fil-fatt id-*Didachè* hu dokument li jittratta fost l-oħrajn il-ħajja morali u etika, l-istruttura u d-dixxiplina tal-Knisja ewlenija u t-tama eskatoloġika, jiġifieri, l-istennija tat-tieni miġja ta' Ġesù Kristu fl-aħħar taż-żmien, xi ħaġa li kienet tant qawwija fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. Fuq kollox, id-*Didachè* jidher li kien jintuża bħala manwal għal dawk li kienu ser jirċievu l-magħmudija.

Minħabba dan kollu, id-*Didachè* hu dokument li jiġi kkwotat ħafna fost l-oħrajn fl-istudji bibliċi, patristiċi, storja tal-Knisja, morali u kateketika.

Il-kontribut li qed joffrilna P. Donat fil-pubblikazzjoni ta' dal-ktieb ma jikkonsistix biss fit-traduzzjoni li hu bl-akbar reqqa għamel mill-Grieg għall-Malti. Imma wkoll fin-noti dettaljati li huwa jagħtina biex nifhmu aħjar it-test ta' dan id-dokument. Barra minn hekk, P. Donat jagħmel ukoll introduzzjoni twila biex wieħed ikun jista' jifhem aħjar din il-kitba. F'din l-introduzzjoni P. Donat jagħtina tagħrif ġenerali fuq id-*Didachè;* x'fih il-ktieb u kif jinqasam; il-forma letterarja tal-ktieb; min seta' kien l-awtur/i tiegħu; għal min inkiteb; fejn u meta nkiteb; ir-relazzjoni tiegħu mat-Testment il-Ġdid; u l-valur u l-importanza ta' dan il-ktieb.

Nittamaw li din il-pubblikazzjoni tkompli tħajjar oħrajn biex ikomplu jagħtuna kontribut simili għall-poplu tagħna kollu.

**P. Martin Micallef OFMCap**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana, 1999**

## *DIDACHÈ*

# NOTI TA' TAGĦRIF ĠENERALI

Wieħed mid-dokumenti ta' importanza kbira għat-tagħrif fuq it-twemmin u l-ħajja ta' l-insara ta' l-ewwel żmien - barra l-kotba tat-Testment il-Ġdid - hu l-ktejjeb li jġib it-titlu: "It-tagħlim tat-Tnax-il Appostlu" *(Didachè ton dódeka apostólon).* Il-ktieb jew manuskritt wasal għandna bil-Grieg, kif inkiteb fl-oriġinal, f'kopja li ġġib id-data tal-11 ta' Ġunju 1056. Dan il-manuskritt instab f'Kostantinopli mill-Metropolita Ortodoss Filotew Bryennios fis-sena 1873; għaxar snin wara, fis-sena 1883, l-istess Bryennios ippubblika l-manuskritt b'noti u kummenti. Imbagħad fis-sena 1887 il-manuskritt ittieħed fil-Bibljoteka tal-Patrijarkat Grieg ta' Ġerusalemm.[1]

1. Għalhekk hu magħruf bit-titlu ta' *Hierosolymitanus 54.* Jeżistu wkoll verżjonijiet tad-*Didachè:* il-verżjoni Kopta u l-verżjoni Etjopika, it-tnejn traduzzjonijiet liberi u xi ftit imbiegħda mill-oriġinal. Jeżistu wkoll dokumenti u frammenti oħra ta' importanza iżgħar, fosthom it-test Latin, *De Doctrina Apostolorum,* li hu verżjoni mqassra ta' l-ewwel parti tad-*Didachè* fuq "iż-Żewġ Toroq". Ara J.A. KLEIST, *The Didachè, Ancient Christian Writers, No 6, Washington, D.C., 1948, p. 13-14;* W. RORDORF - A. TUILIER, *La Doctrine des Douze Apôtre, Les Editiors du Cerf,* Paris, 1978, p. 203.

Ma setax jonqos li l-pubblikazzjoni ta' dokument ta' importanza hekk kbira ma tqajjimx interess kbir fost l-istudjużi ta' l-istorja tal-bidu tar-reliġjon nisranija. Fis-seklu kollu ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu d-*Didachè* sar l-oġġett ta' l-akbar studji. Nies esperti ħarġu b'teoriji u opinjonijiet fuqu, kultant differenti minn xulxin - fuq l-oriġini tiegħu, fuq iż-żmien, fuq il-karattru letterarju u fuq il-kontenut u t-tifsir tiegħu.[2]

Hu minn dan il-volum abbundanti ta' kitba fuq id-Didachè, frott ta' ħidma sħiħa ta' studjużi kbar, li aħna nistgħu naslu għal xi konklużjonijiet fuq punti ewlenin ta' dan id-dokument.

## 1. X'fih il-ktieb u kif jinqasam

Id-*Didachè* kien bħal manwal kateketiku fuq l-elementi essenzjali tal-ħajja nisranija skond l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu. Dan nifhmuh mill-mod li bih hu mqassam il-kontenut tat-tagħrif li fih. Il-ktieb fih 16-il kapitlu. Jinqasam b'mod ċar fi tliet partijiet u żjieda ta' konklużjoni.

2. Għal xi wħud mill-opri l-aktar importanti ara W. RORDORF - A. TUILIER, Op.Cit., p. 128-135.

## L-EWWEL PARTI: KATEKETIKA (1,1-6,3)

Tittratta fuq il-ħajja tan-nisrani skond it-tagħlim ta' Ġesù Kristu taħt it-titlu taż-"Żewġ Toroq".

### It-Triq tal-Ħajja (1,2-4,14)

Tagħlim u twissijiet skond l-Evanġelju u l-Kmandamenti ta' Alla: fuq l-imġiba tajba ma' l-aħwa, fuq l-għoti tal-karità u fuq id-dmirijiet fid-dar mal-membri tal-familja.

### It-Triq tal-Mewt (5,1-6,3)

Din hi t-triq tad-dnub u ta' kull xorta ta' vizzju li jwassal għall-mewt. L-awtur isemmi lista sħiħa ta' vizzji u ta' azzjonijiet ħżiena li jmorru kontra l-liġi ta' Alla. Din il-parti tagħlaq bi twissijiet fuq "Tmiem iż-Żewġ Toroq" (6,1-3).

## IT-TIENI PARTI: LITURĠIJA (7,1-10,7)

Wara l-katekeżi tiġi l-liturġija.

L-awtur jittratta fuq il-magħmudija u fuq ir-rit li bih għandha tingħata (7,1-4); fuq is-sawm u t-talb bħala preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija (8,1-3); fuq l-Ewkaristija u fuq

kif għandha ssir, bil-formoli ta' radd il-ħajr fuq l-inbid u l-ħobż; jitkellem ukoll fuq l-ikla ta' l-aħwa flimkien u fuq ir-radd il-ħajr lil Alla (9,1-10,7).

## IT-TIELET PARTI: DIXXIPLINARI (11,1-15,4)

F'din il-parti l-awtur tad-*Didachè* jitkellem fuq l-organizzazzjoni tal-Knisja u jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-komunità fuq l-imġiba tagħhom bejniethom, l-aktar mal-ministri tagħhom. Isemmi "l-appostli" (11,1-6) u "il-profeti" (11,7-12); jirrakkmanda lill-insara biex jilqgħu lill-missjunarji itineranti (12,1-5) u jħeġġiġhom biex jagħtu lill-profeti u lill-għalliema l-ħlas li jkun ħaqqhom (13,1-7).

Iħeġġiġhom biex jiltaqgħu flimkien f'Jum il-Mulej (14,1-3); isemmi l-ministri ewlenin tal-ġerarkija, l-isqfijiet u d-djakni (15,1-2); jirrikkmanda l-korrezzjoni ta' l-aħwa (15,3-4).

## GĦELUQ (16,1-8)

Id-*Didachè* jagħlaq bi twissija fuq l-aħħar taż-żmien u jħeġġeġ lill-insara biex ikunu lesti għall-miġja tal-Mulej.

## 2. Il-forma letterarja

Id-*Didachè* mhuwiex ta' forma letterarja waħda mill-bidu sa l-aħħar. It-tlieta jew l-erba' partijiet li fihom jitqassam huma differenti minn xulxin mhux biss fit-tul, iżda wkoll fil-kompożizzjoni letterarja jew fl-istil tal-kitba tagħhom. Dan ġej mill-karattru tal-kontenut ta' kull waħda minnhom skond dak li bihom fehem jgħallem l-awtur, jekk hux katekeżi jew liturġija, dixxiplina jew twissija.

Il-parti kateketika (1,1-6,3) hi kollha tagħlim morali tal-ħajja skond ir-rivelazzjoni biblika u nisranija. Hi fuq l-etika tal-ħajja, mgħallma bil-prinċipji taż-"Żewġ Toroq", it-triq it-tajba, li twassal għall-ħajja, u t-triq il-ħażina, li twassal għall-mewt.

Dan it-tagħlim hu mogħti fil-forma tal-katekeżi primittiva kif kien jingħata mill-appostli u mill-evanġelisti ta' l-ewwel żmien. Il-predikazzjoni appostolika fl-ewwel żmien tal-Knisja kienet issir f'żewġ partijiet suċċessivi: l-ewwel parti, il-*kérygma,* kienet tkun ix-xandir ta' l-elementi fundamentali tal-fidi f'Ġesù Kristu, li hu "Mulej u Messija."[3] Dawk imbagħad

3. Atti 2,36. Ara d-diskorsi ta' Pietru f'Atti 2,14-36; 3,12-26; 4,8-12; 10,34-43.

li kienu jemmnu fil-*kérygma* kienu jkomplu "jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli" u bih kienu jissaħħu fil-fidi u fil-ħajja nisranija.[4]

Saħansitra bl-istess titlu ta' dan il-ktieb l-awtur jgħarrafna li hu ma kellux f'moħħu jikteb fuq il-*kérygma*, iżda d-*Didachè: Didachè ton dódeka apostólon*[5] jew bit-titlu l-ieħor itwal taħt l-ewwel wieħed: *Didachè kyriou dià ton dódeka apostólon tois éthnesin* ("It-tagħlim tal-Mulej mogħti lill-ġnus permezz tat-Tnax-il Appostlu").[6]

F'parti sewwa tas-sezzjoni kateketika l-awtur jagħti tagħlim fil-forma sapjenzali, bħal dik tal-Kotba ta' l-Għerf; jagħmilha ta' missier li jgħallem lil ibnu (3,1-6; 4,1).

Fil-parti liturġika (7,1-10,7) ma nistennewx għajr il-forma letterarja li nistgħu nsejħulha "ritwali", struzzjonijiet fuq il-mod ta' l-amministrazzjoni tal-magħmudija u taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija; hekk ukoll fuq il-prattika tas-sawm u t-talb ta' kuljum fil-ħajja tan-nisrani.

---

4. Ara C.H. DODD, *The Apostolic Preaching and its Developments*, London 1963.

5. Atti 2,42.

6. Ara Mt 28,19-20.

Imbagħad tiġi l-parti dixxiplinari jew kanonika (11,1-15,4) fuq il-ġerarkija, fuq id-dmirijiet tal-ministri fil-komunità u fuq id-dmirijiet tal-membri lejhom. L-awtur jagħti ordnijiet u direttivi bit-toni ta' l-ittri pastorali.

Fl-aħħarnett, il-konklużjoni ġenerali (16,1-8) tal-forma eskatoloġika tagħlaq l-opra kollha bit-twissija għaqlija fuq l-aħħar jum tal-miġja tal-Mulej.

Minn dawn l-aspetti għandna nagħrfu li d-*Didachè* hu opra letterarja mill-isbaħ ta' l-ewwel żmien tal-Knisja.

## 3. L-awtur

Ma nafux min kien l-awtur jew l-awturi tad-*Didachè*. Aħjar ngħidu "l-awturi" għax kif inhu miktub dan il-ktieb jissoponi aktar minn awtur wieħed. Wisq aktar jekk, kif iżommu ħafna studjużi, ma nkitibx fi żmien wieħed. Xi wħud jaħsbu li dan il-ktieb inkiteb mill-istess awturi fi żminijiet diversi b'intervall bejniethom.

Fil-biċċa l-kbira jaħsbu li l-partijiet diversi għandhom awturi diversi. Ħadd ma jasal biex jaħseb min setgħu kienu. Imma nistgħu nissoponu li dawn kienu nies li kellhom xi

awtorità fil-komunitajiet insara; kienu bħall-profeti u l-għalliema, li kitbu lid-dixxipli tagħhom u tawhom l-ordnijiet bis-saħħa tas-setgħa li kellhom. L-għalliema kienu għad-dixxipli tagħhom bħall-missirijiet li jgħallmu lil uliedhom (3,1-4,1).

## 4. Lil min kitbu

Mhijiex ħaġa ħafifa nkunu nafu sewwa lil min jew għal min inkiteb id-*Didachè*.

Fit-tieni titlu tal-ktieb l-awtur jgħid li dan hu "tagħlim tal-Mulej mogħti lill-ġnus permezz tat-tnax-il appostlu." "Lill-ġnus" jiġifieri, lill-pagani (*tois éthnesin* ara Mt 28,19-20). Din l-affermazzjoni toqgħod tajjeb għall-ewwel parti, il-parti kateketika fuq "iż-Żewġ Toroq" (1,1-,3). Il-ġnus jew il-pagani setgħu kienu dawk li riedu jsiru Nsara u, għalhekk, kellhom bżonn il-katekeżi qabel jirċievu l-magħmudija. Kienu katekumeni min-naħa tal-pagani. L-awtur seta' kien wieħed mill-katekisti tagħhom; sejħilhom "uliedu", kif l-għalliema kienu jsejħu lid-dixxipli tagħhom (3,1-6;4,1).[7]

7. Ara l-Kotba ta' l-Għerf - Prov 1,10; 3,1; Sir 2,1; 4,1; eċċ.

Fil-kitba tad-partijiet l-oħra, mill-kapitlu 7 sa l-aħħar, kif għandna nifhmu mill-kontenut tagħhom, l-awtur jew l-awturi kellhom quddiem għajnejhom il-ħtiġiet tal-membri tal-komunità li għalihom kitbu. Dawn il-partijiet b'istruzzjonijiet prattiċi fuq l-amministrazzjoni tal-magħmudija u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u fuq l-organizzazzjoni ġerarkika tal-komunità kienu bħal manwal pastorali ta' direttiva għall-membri kollha u l-aktar għal idejn il-mexxejja tagħhom.

Kif nistgħu nifhmu mit-tieni titlu tad-*Didachè* ("mogħti lill-ġnus"), nissoponu li l-membri ta' din il-komunità nisranija kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom min-naħa tal-pagani. Imma l-istruzzjonijiet l-awtur jagħtihomlhom skond it-tradizzjoni Lhudija-Nisranija u bi stil u vokabularju li jaqblu ma' din it-tradizzjoni.

## 5. Fejn inkiteb

Fuq il-post fejn seta' nkiteb id-*Didachè* għandna żewġ opinjonijiet ta' l-istudjużi tiegħu.

Skond xi wħud, inkiteb fl-Eġittu. Jaħsbu hekk l-aktar minħabba l-fatt tal-manuskritti antiki li għandna tiegħu bil-Koptu u bl-Etijopiku, ilsna magħrufa f'Lixandra; u wkoll

minħabba x-xhieda ta' Klement ta' Lixandra u tal-popolarità li d-*Didachè* kellu sa mill-bidu fl-Eġittu.

Oħrajn jippreferixxu x'imkien lejn il-Palestina jew aħjar, fis-Sirja. Din l-opinjoni taqbel aktar ma' l-ambjent ġeografiku u storiku li għalih insibu riferenzi fid-*Didachè*: in-nuqqas ta' l-ilma (7,2-3), li żgur ma kienx nieqes fl-Eġittu; il-qamħ tal-ħobż imxerred fuq l-għoljiet (9,4); l-ipokriti (8,1-2), b'riferenza għall-Fariżej (ara Mt 6,5.16); jissemmew ħafna wkoll il-missjunarji itineranti (fil-kapitlu 11-13), magħrufa l-aktar f'Antjokja tas-Sirja (ara Atti 13,1ss). Imma ma naħsbux fil-belt ta' Antjokja. Nifhmu li l-komunità nisranija tad-*Didachè* kienet f'xi post ċkejken tal-kampanja fis-Sirja u kienet magħmula l-aktar minn pagani konvertiti (ara l-kapitlu 13).

## 6. Meta nkiteb

Il-kwestjoni taż-żmien meta nkiteb id-*Didachè* hi ta' importanza kbira, għax hi tagħti l-valur lil dan il-ktieb bħala xhud tat-tradizzjoni nisranija ta' żmien it-Testment il-Ġdid. Imma hi wkoll kwistjoni problematika ħafna kif jixhdu l-opinjonijiet differenti ta' studjużi diversi.

L-opinjonijiet ivarjaw bejn dawk li jżommu li l-ktieb inkiteb fl-ewwel seklu u dawk li jaħsbu li nktieb wara, u jaslu

mqar sat-tielet seklu.

Irridu nżommu wkoll quddiem għajnejna dak li jaħsbu xi wħud li dan il-ktieb ma nkitibx f'darba waħda iżda f'darbtejn jew forsi wkoll fi tlieta, u li nkiteb minn awturi diversi b'intervall ta' żmien bejniethom. Imma, jekk noqogħdu fuq l-opinjoni komuni tal-biċċa l-kbira ta' l-istudjużi, naslu biex ngħidu li d-*Didachè* kollu kemm hu u kif wasal għandna llum ma nkitibx aktar tard minn għeluq l-ewwel seklu.[8]

U mqar għal tul dan il-perjodu ta' żmien għandna quddiemna żminijiet partikulari differenti ta' opinjonijiet diversi. Xi wħud, bejn is-snin 60-70 WK; oħrajn is-snin 70-80 WK; u oħrajn is-snin 80-90 WK. Għallanqas, fuq l-awtorità ta' studjużi ta' min joqgħod fuqhom, nistgħu nżommu li d-*Didachè* nkiteb "qabel tmiem l-ewwel seklu".[9] Jiġifieri, dan hu kiteb ta' letteratura nisranija li deher fl-istess żmien li fih inkitbu l-kotba tat-Testment il-Ġdid.

Hemm diversi raġunijiet li minħabba fihom l-istudjużi waslu għal din il-konklużjoni, bħalma huma: l-istil tal-kitba u l-kliem bil-Grieg ta' karattru primittiv; l-organizzazzjoni

8. Ara W. RORDORF - A. TUILIER, Op.cit., p.96.

9. Ara J.A. KLEIST, Op.cit., pp.5-6.

ġerarkika tal-Knisja, jissemmew l-isqfijiet u d-djakni iżda ma jissemmewx il-presbiteri, li aktarx daħlu aktar tard; il-mexxejja huma aktar kariżmatiċi milli ġerarkiċi (11,3ss; 13,13); ir-rit taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija hu wkoll primittiv, ma jagħmilx differenza ċara mill-ikla komuni, l-ikla ta' l-aħwa, u l-*mysterium fidei*jmma jqishom flimkien ħaġa waħda (10,1); il-kalċi, li fuqu ssir il-barka, jissemma qabel il-ħobż (9,2-4; imma ara Lq 22, 17-19); ma narawx riferenza ċara għar-realtà tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù Kristu.[10]

Dawn huma osservazzjonijiet li jaffermaw l-oriġini primittiva tad-*Didachè*. Oħrajn josservaw li fl-istess ktieb jidhru wkoll indikazzjonijiet ta' żmien aktar tard għall-kitba tiegħu, għal wara żmien l-appostli. Hekk fost punti oħra, il-magħmudija ma tingħatax bl-immersjoni sħiħa fl-ilma, iżda bit-tiswib ta' l-ilma fuq ir-ras u bil-formula magħrufa (Mt 28,19); jidhru xi espressjonijiet ta' sentimenti ta' diżapprovazzjoni ta' xi użanzi tal-Lhud min-naħa ta' l-Insara (8,1-2); l-ordnijiet ġerarkiċi, kif inhuma mfissra fid-*Didachè,* jissoponu li kien għadda ftit taż-żmien sewwa mill-bidu ta' l-ewwel żmien tal-Knisja.

10. Forsi nistgħu nifhmu f'dan is-sens 9,5; u wkoll l-espressjonijiet "id-Dielja Mqaddsa ta' David" (9,2) u "l-ħobż maqsum" (9,3) bħala simboli ta' din ir-realtà.

Skond ħafna oħrajn, li jżommu li d-*Didachè* nkiteb fi żmien l-appostli u qabel għeluq l-ewwel seklu, dawn id-diffikultajiet ma jmorrux kontra din l-opinjoni; huma elementi li nsibuhom ukoll fil-kotba tat-Testment il-Ġdid għallanqas b'riferenzi sew diretti u sew indiretti.

## 7. Id-*Didachè* u t-Testment il-Ġdid

Mela, skond l-aħjar opinjoni ta' l-istudjużi, id-*Didachè* fl-oriġini tiegħu hu kontemporanju għall-kotba tat-Testment il-Ġdid. Ġeneralment hu miżmum li l-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid, forsi bl-eċċezzjoni tal-kitbiet ta' San Ġwann, inkitbu qabel għeluq is-sena 100 WK. Dan ifisser, dejjem skond l-opinjoni l-aktar komuni, li d-*Didachè* nkiteb fi żmienhom.

Hawn tidħol il-kwestjoni, jekk l-awtur tad-*Didachè* kienx jaf bil-kotba tat-Testment il-Ġdid, l-aktar bl-Evanġelji Sinottiċi, u jekk kienx jiddependi minnhom fil-kitba tiegħu.

Kif nagħrfu mill-kontenut ta' dan il-ktieb, it-tagħlim tiegħu jaqbel ħafna ma' dak ta' l-Evanġelji. Ma setax jonqos; l-awturi sew tad-*Didachè* u sew ta' l-Evanġelji fehmu jwasslu "t-tagħlim tal-Mulej mogħti lill-ġnus permezz ta' l-appostli."

Il-kwistjoni hi, jekk l-awtur tad-*Didachè* ħax dan it-tagħlim ta' Ġesù mill-Evanġelji miktuba tat-Testment il-Ġdid jew minn xi għejun oħra, bħalma seta' kien l-"evanġelju orali", mogħti fil-katekeżi bil-fomm ta' l-appostli u tal-ministri tal-kelma (Lq 1,2). Naturalment, biex seta' jiddependi minnhom, ried jikteb warajhom, u huma riedu jkunu diġà f'idejh. Hawn terġa' tidħol il-kwistjoni taż-żmien tal-kitba tad-*Didachè*.

Aħna u naqraw id-*Didachè* nsibu ħafna kliem ta' Ġesù li jaqbel sewwa ma' dak li naqraw fl-Evanġelji, l-aktar f'dak ta' San Mattew, u f'xi każijiet jaqbel miegħu kelma b'kelma. Eżempji:

| | | |
|---|---|---|
| Did 1,2 | = | Mt 22,37-39;<br>Mt 7,12; Lq 6,31. |
| Did 1,3-5 | = | Mt 5,39-47; 5,26; Lq 6,27-33. |
| Did 6,2 | = | Mt 11,29-30. |
| Did 7,1.3 | = | Mt 28,19. |
| Did 8,2 | = | Mt 6,9-13; Lq 11,2-4. |
| Did 9,5 | = | Mt 7,6. |
| Did 10,6 | = | Mt 21,9.15 |

| | | |
|---|---|---|
| Did 11,7 | = | Mt 12,31. |
| Did 12,1 | = | Mt 21,9. |
| Did 13, 1.2 | = | Mt 10,10. |
| Did 16,1 | = | Mt 24,42.44; Lq 12,36. |
| Did 16,3-4 | = | Mt 24, 10-12. |
| Did 16,4 | = | Mt 24,24. |
| Did 16,5 | = | Mt 10,22; 24,13. |
| Did 16,6 | = | Mt 24,30-31. |
| Did 16,8 | = | Mt 24,30. |

Minn dawn l-eżempji ta' paraguni bejn id-*Didachè* u l-Evanġelju ta' Mattew malajr jiġina f'moħħna l-ħsieb li l-awtur ta' l-ewwel ktieb kellu f'idejh l-Evanġelju miktub u li ħa ħafna minnu. Dan seta' jkun biss kieku kien żgur li l-Evanġelju ta' Mattew kien diġà nkiteb u kien wasal f'idejn dawk l-ewwel Insara. Din hi ħaġa li ma nistgħux nippruvawha. Nistgħu għall-kuntrarju naħsbu li l-awturi taż-żewġ kotba ħadu mill-katekeżi orali bħala minn għajn tajba għalihom it-tnejn. Nafu

li qabel l-Evanġelji miktubin li għandna f'idejna kien diġà jeżisti l-evanġelju orali, f'ċerta forma fissa u stabilita, ta' dak li Ġesù kien għamel u għallem. Kien hemm ukoll xi "evanġelji" miktubin b'ġabriet ta' kliem ta' Ġesù jew ta' stejjer fuqu (ara Lq 1,1). Skond ix-xhieda ta' Papija, isqof ta' Ġerapoli (c. 150 WK), kienet teżisti bil-miktub ġabra tal-"kliem tal-Mulej" *(logia tou Kyríou)*qabel ma nkiteb l-Evanġelju ta' Mattew li għandna f'idejna.

Jiġifieri, l-awtur tad-*Didachè,* jekk kiteb qabel l-Evanġelju ta' Mattew, kellu mnejn jieħu l-kliem tal-Mulej Ġesù li jaqbel ma' dak li naqraw fl-Evanġelju tagħna li nsejħulu "ta' Mattew."

L-ewwel parti ġenerali tad-*Didachè,* fuq "iż-Żewġ Toroq" (1,1-6,3), hi ta' karattru Semitiku, mibnija fuq l-isfond tat-tagħlim tradizzjonali Lhudi kif inhu mfisser ukoll f'xi kotba tat-Testment il-Qadim (ara Did 1,2; 2,1-3; 5,1 u "it-Tagħlim ta' l-Għerf", 3,1-4,14). Dan hu wkoll tagħlim aċċettat mill-Evanġelju.

B'xi mod nistgħu ngħidu li f'dan il-każ l-Evanġelji Sinottiċi jiddependu wkoll minn din it-tradizzjoni Lhudija, aċċettata wkoll minn Ġesù Kristu. U nistgħu ngħidu wkoll li sew l-Evanġelji Sinottiċi u sew id-*Didachè* ħarġu mill-għajn waħda tat-tradizzjoni Lhudija-Nisranija. Dan għandu jkun punt ta' attenzjoni għall-istudjużi ta' l-Evanġelji meta jiġu għall-konsiderazzjoni ta' l-oriġini u l-formazzjoni tagħhom.

## 8. Valur u importanza tad-*Didachè*

Ma jistax jonqos li dan il-ktieb ċkejken ma jkollux importanza kbira fix-xhieda li jagħti tal-fidi u l-ħajja ta' waħda mill-komunitajiet insara ta' l-ewwel żmien tal-Knisja. Barra l-kotba tat-Testment il-Ġdid, aktarx hu l-eqdem dokument li wasal għandna sa minn żmien l-appostli. U mal-kitbiet li ħallewlna huma, hu wkoll bħalhom xhud tal-ħajja ta' xi komunità nisranija li bqajna ma nafux sewwa liema kienet. Mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u mill-Ittri tat-Testment il-Ġdid għandna xi tagħrif fuq l-ewwel komunitajiet insara, ta' Ġerusalemm, ta' Antjokja u ta' ħafna oħrajn 'l hawn minnhom. Ftit li xejn nafu fuq komunitajiet oħra f'artijiet 'l hemm minnnhom jew f'inħawi oħra. Id-*Didachè* jgħarrafna b'komunità mhix magħrufa fis-Sirja ta' dak iż-żmien jew x'imkien ieħor.

a. Imma dak li jgħidilna fuq il-fidi u l-ħajja ta' din il-komunità jaqbel ma' dak li nafu fuq komunitajiet insara oħra ta' żmien l-appostli. It-tagħlim li jagħtina hu, kif jistqarr l-awtur fit-titlu, "it-Tagħlim tal-Mulej mogħti lill-ġnus permezz tat-tnax-il Appostlu." Mhux dan ukoll hu t-tagħlim ta' l-Evanġelji u tal-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid? (ara Mt 28, 19-20). F'dan is-sens nistgħu ngħidu li d-*Didachè* jwettaq u jsaħħaħ it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid.

L-awtur jew l-awturi tad-*Didachè* ħadu t-tagħlim tagħhom, direttament jew indirettament mingħand l-appostli ta' Ġesù; dan l-istess tagħlim għaddewh lill-membri tal-komunità tagħhom u mbagħad tawhulhom ukoll f'idejhom bil-miktub bħala manwal tal-katekiżmu tagħhom.

b. Parti mill-isbaħ tad-*Didachè* hi dik fuq il-liturġija primittiva (7,1-10,7). Wara l-katekeżi, mogħtija fl-ewwel parti bit-tagħlim fuq "iż-Żewġ Toroq" (1,1-6,3), kien jixraq jidħol it-tagħlim liturġiku; il-katekeżi twassal għal-liturġija, u hi l-kondizzjoni tagħha; mhemmx liturġija tajba mingħajr katekeżi tajba. Id-*Didachè* hu mibni u mqassam fuq dan il-prinċipju.

L-ewwel, bl-istruzzjonijiet li jagħti fuq l-amministrazzjoni tal-magħmudija. Ma jagħtix xi teoloġija tal-magħmudija, kif jagħtihielna San Pawl, iżda biss direttivi għal min jitgħammed. Isemmi s-sagrament b'ismu (*báptismo*); isemmi l-ilma u l-kliem (il-materja u l-forma) u r-rit jew il-mod kif għandha ssir il-magħmudija.

Barra l-mod ta' l-immersjoni fl-"ilma ġieri," kif kien ir-rit tal-bidu, jammetti wkoll, f'każ li ma jkunx hemm ilma biżżejjed, it-tiswib ta' l-ilma fuq ras min jitgħammed. Mela fil-komunità tad-*Didachè* kien diġà magħruf u aċċettat ir-rit tal-magħmudija bit-tiswib ta' l-ilma fuq ir-

ras biss flimkien ukoll mar-rit oriġinali ta' l-immersjoni sħiħa ta' min jitgħammed fl-ilma.

Il-formula tal-magħmudija taqbel ma' dik li naqraw fl-Evanġelju skond San Mattew: "Għammdu fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (7, 1.3; ara Mt 28,20).

Element ieħor importanti tal-liturġija primittiva kienet iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. L-eqdem isem ta' dan ir-rit li jidher fit-Testment il-Ġdid hu dak ta' "l-ikla tal-Mulej" (1 Kor 11,20). Isem ieħor hu dak tal-"qsim tal-ħobż" (Atti 2,42.46; 20,7.11). Dan ta' l-aħħar insibuh ukoll fid-*Didachè* b'riferenza għall-Ewkaristija (9,3.4). Imma l-aktar, il-kelma *eucharistía* sew bħala sostantiv (radd il-ħajr , 9,1) u sew bħala verb (roddu ħajr, 9,2.3; 10,1.2). Għalina llum din hi l-kelma teknika għas-sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù Kristu. Imma hekk ilha fil-Knisja sa mill-eqdem żmien u kullimkien. Id-*Didachè* hu forsi l-eqdem dokument li jixhdilna għall-użu ta' din il-kelma b'riferenza għall-"ħobż maqsum."[11]

11. Il-kelma *eucharistia* tidħol għal 14-il darba fit-Testment il-Ġdid (Atti 24,3; 1 Kor 14,16; 2 Kor 4,15; Efes 5,4; Fil 4,6; eċċ), mhux għas-sagrament ta' l-Ewkaristija, iżda għall-azzjoni ġenerali ta' radd il-ħajr.

Imma, skond xi wħud, mhuwiex ċar jekk l-awtur hux jitkellem fuq l-ikla komuni ta' l-aħwa, bħalma kienet l-*agápe,* jew fuq l-Ewkaristija propja bis-sehem tal-fidili fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu (ara 1 Kor 10,16-17). Jidhrilna li mill-espożizzjoni li jagħtina l-awtur għandna nifhmu l-ikla komuni ta' l-aħwa kollha li fiha jew fi tmiemha kienet issir l-Ewkaristija propja, kif kien il-każ taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija msemmija minn San Pawl (1 Kor 11,17-29). L-awtur isemmi li f'din l-ikla kulħadd kien jiekol sax-xaba': "Wara li tkunu kiltu u xbajtu, roddu ħajr ..." (10,1). Dan il-kliem jgħodd biss għall-ikla komuni. Imbagħad tidher ukoll riferenza għall-Ewkaristija; irroddu ħajr lil Alla għall-"grazzja ta' l-ikel u x-xorb spiritwali u tal-ħajja ta' dejjem" (19,3).[12]

c. Nota oħra liturġika li jagħtina d-*Didachè* hi fuq il-ħarsien ta' "Jum il-Mulej", jum il-Ħadd tagħna. L-awtur jordna

12. "La *Didachè* ci descrive un pasto rituale o agápe, accompagnata da preghiere e seguita dall'eucaristia", *Enciclopedia Liturgica,* edizioni Paoline, 1957, p. 457.
Ara J.A. KLEIST, Op.cit. p.11. Jikkwota lil F.L. CIRLOT, *The Early Eucharist,* London 1939, p.30: "It is clear beyond doubt that we are here in the presence of a common meal united to the Eucharist. And it is clear that the Eucharist does not preceed the meal ... We are in a position to conclude definitely both the existence of an ordinary community meal in the primitive Church and its union with the Eucharist."

lill-Insara biex f'dan il-jum jinġabru flimkien għall-qsim tal-ħobż u r-radd il-ħajr (14,1). Isemmi wkoll l-istqarrija pubblika tad-dnubiet u l-att tal-ħbiberija jew tal-paċi ta' l-Insara bejniethom. Il-"qsim tal-ħobż", l-Ewkaristija, isejjaħlu "sagrifiċċju" (*thusía* - għal tliet darbiet) b'riferenza għat-test ta' Mal 1,11-14, li jikkwotah kif inhu.

d. L-awtur tad-*Didachè* ħallielna wkoll ftit tagħrif fuq il-ġerarkija u l-organizzazzjoni tal-komunità tiegħu. Milli nifhmu, l-uffiċċji ministerjali fi żmienu jew għallanqas fil-komunità tiegħu kienu għadhom fi stat primittiv. Isemmi "l-isqfijiet u d-djakni" (15,1). Imma l-presbiteri ma jsemmihomx għalkemm, kif nafu mill-Ittra lill-Korintin ta' San Klement ta' Ruma (c.96 WK), kienu magħrufa f'inħawi oħra.[13]

Il-viżjoni tat-tmexxija tal-Knisja, li jagħtina d-*Didachè,* hi aktar kariżmatika milli ġerarkika (ara 11,3ss; 13,3). Timxi fuq il-linja tal-kariżmi li jissemmew f' 1 Kor 12,28 u f'Efes 4,11. Huma "l-appostli" (it-Tnax u dawk li jissieħbu magħhom) u "l-profeti" li jgħallmu u jmexxu. U l-aktar il-profeti mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu.

13. San Injazju ta' Antjokja (110 WK) jsemmi "l-isqof wieħed flimkien mal-presbiteri u d-djakni."

Dawn kienu l-evanġelisti itineranti. Kien hemm ħafna minnhom fil-bidu tal-Knisja bħala messaġġiera ta' l-Evanġelju, jimxu minn art għal oħra biex ixandru l-Bxara t-Tajba tal-Mulej. San Pawl kien wieħed minnhom, hu u sħabu. Fl-ittri li kien jikteb lill-knejjes kien jirrakkmandalhom li jilqgħuhom tajjeb u jieqfu magħhom fit-ħtiġiet tagħhom (ara 2 Kor 8,16-24).
Hekk għamel bi kliem imħeġġeġ l-awtur tad-*Didachè*: irrakkmanda lill-membri tal-komunità biex jilqgħu tajjeb lill-missjunarji itineranti u jipprovdulhom dak li setgħu jkollhom bżonn għall-għajxien tagħhom (12,1-13,7).

Minn dawn il-ftit osservazzjonijiet u minn oħrajn bħalhom li nistgħu nagħmlu fuq id-*Didachè* għandna nifhmu l-importanza ta' dan il-ktieb bħala xhud tat-tradizzjoni fuq il-fidi u l-ħajja tal-Knisja ta' l-ewwel żmien. Naraw kemm jaqbel fit-tagħlim tiegħu mat-tagħlim ta' l-Evanġelji u tal-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid. Nagħrfu l-valur tat-tradizzjoni jew ta' l-Evanġelju ħaj fil-ħajja tal-Knisja. U nifhmu li din it-tradizzjoni sa mill-bidu mxiet id f'id mal-Kotba Mqaddsa u flimkien magħhom baqgħet tul il-mixja taż-żmien l-għajn waħdanija tar-rivelazzjoni divina għalina.

Hekk nagħrfu u nifhmu l-kontinwazzjoni storika u l-identità morali bejn il-Knisja ta' llum u l-Knisja appostolika ta' l-ewwel żmien.

# IT-TAGĦLIM TAT-TNAX-IL APPOSTLU

## Tagħlim tal-Mulej mogħti lill-ġnus permezz tat-tnax-il Appostlu

## 1. SEZZJONI KATEKETIKA IŻ-ŻEWĠ TOROQ (1,1 - 6,3)

**1,** 1. Hemm żewġ toroq:[1] waħda tal-ħajja u l-oħra tal-mewt; hemm differenza kbira bejniethom it-tnejn.

### It-Triq tal-Ħajja (1,2 - 4,14)

2. Issa, din hi t-triq tal-ħajja: l-ewwel, ħobb 'l Alla li ħalqek, imbagħad, ħobb lil għajrek bħalek innifsek;[2] dak kollu

1. Dan l-eżempju taż-"Żewġ Toroq" b'riferenza għaż-żewġ modi tal-ħajja li jgħixu l-bnedmin, il-ħajja t-tajba u l-ħajja l-ħażina, kien magħruf fost il-Lhud ta' żmien il-Bibbja. Ara Dt 30,15-20; Salm 1,1-6; Prov 4,18-19; Ġer 21,8; Mt 7,13-14.

2. Ara Dt 6,5; Lev 19,18; Mt 22,37-39.

li ma tridx min jagħmel lilek tagħmlux int lil ħaddieħor.[3]

**Tagħlim ta' l-Evanġelju**

3. Din hi t-tagħlima ta' dan il-kliem: Bierku lil dawk li jistħtukom u itolbu għall-għedewwa tagħkom, u sumu għal dawk li jippersegwitawkom.

Għax xi ħlas jistħoqqilkom jekk tħobbu lil min iħobbkom? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan?[4] Intom, ħobbu lil dawk li jobogħdukom u ma jkollkomx għedewwa.[5]

4. Iċċaħħad mix-xewqat tal-ġisem.[6] Jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor

---

3. Mt 7,12 fil-forma pożittiva. *Didachè* jagħtina l-istess liġi ("ir-regola tad-deheb") fil-forma negattiva. Ara Tob 4,15 u Lq 6,31.

4. Mt 5,4.46s; Lq 6,27s.32s. *Didachè* jżid: "Sum għal dawk li jippersegwitawk." Skond it-tradizzjoni Lhudija, it-talb imsieħeb mis-sawm għandu qawwa aktar (Dan 9,3; Ġona 3,6; Ġud 4,12; Atti 13,3; 14,23).

5. "Ma jkollokx għedewwa" - għax bl-imġiba tiegħek tirbaħhom u tħabbibhom miegħek. Ara Rum 12,18-21; 1Pt 2,15.

6. Fit-test oriġinali għandna żewġ kelmiet biex ifissru din l-ordni: *sarkikôn kai somatikôn epithumiôn ("carnali e corporali"; "carnal and bodily").* Bil-Malti jkollna nfissruhom b'espressjoni waħda biss: "xewqat tal-ġisem." F'wieħed mill-frammenti tad-*Didachè* tar-raba' seklu, għandna wkoll kelma waħda biss, *sarkikôn,* kif inhi f'1 Pt 2,11.

ukoll, u tkun perfett;[7] jekk xi ħadd iġiegħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn; jekk xi ħadd ikun irid jeħodlok il-mantar, agħtih il-libsa wkoll;[8] jekk xi ħadd jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobhilux lura.[9] Dan lanqas tista' tagħmlu.[10]

5. Agħti lil min jitolbok, u titlobx lura dak li tkun tajt;[11] għax il-Missier irid li l-ġid tiegħu jinqasam bejn kulħadd. Hieni min jagħti skond dan il-kmandament, għax hu jkun bla ħtija. Ħażin għal min jirċievi! Jekk min jieħu jkun fil-bżonn, bla ħtija jkun; imma min ma jkunx fil-bżonn ikollu jagħti kont għaliex u għalfejn ikun irċieva. Dan jeħel il-ħabs u jiġi mistħarreġ fuq għemilu; u ma joħroġx minn hemm ġew qabel ma jkun ħallas sa l-inqas ħabba.[12]

---

7. Mt 5,39.48.

8. Mt 5,40.

9. Lq 6,30.

10. "Dan lanqas tista' tagħmlu" - għax, bħala Nisrani, għandek tfittex dak li hu perfett.

11. Mt 5,42; Lq 6,30. Il-vers ikompli jfisser għaliex m'għandekx titlob lura dak li tkun tajt: għax il-ġid hu ta' Alla l-Missier, li jrid li l-ġid tiegħu jitgawda minn kulħadd.

12. Ara Mt 5,25-26 u 18,34.

6. Imma fuq dan jingħad ukoll: "Ħalli l-għotja tal-karità tiegħek tegħreq f'idek, sakemm issib lil min tagħtiha."[13]

**Il-Kmandamenti** **2,** 1. Kmandament ieħor tat-tagħlim:

2. La toqtolx, la tagħmilx adulterju, tiżnix mat-tfal, la tiżnix, la tisraqx, tagħmilx magħmul u sħarijiet, toqtolx tarbija qabel titwieled u lanqas teqridha wara li titwieled, tixtieqx il-ħwejjeġ ta' għajrek.[14]

3. Tonqosx mill-wegħda li ħlift, tixhidx fil-falz, tgħidx gideb fuq ħaddieħor,[15] iżżommx il-ħażen f'qalbek.

---

13. Dan il-kliem ma nsibuhx fil-Kotba Mqaddsa; fis-sens tiegħu joqrob lejn Sir 12,1. Din l-espressjoni sabiħa qiegħda fil-kitba ta' S.Wistin: *"Desudet eleemosyna in manu tua, donec invenias iustum, cui eam tradas" (Enarratio in Psalmos 102,12; Partrologia Latina 37).*

14. Lista ta' dnubiet kontra l-Kmandamenti ta' Alla. Ara Eż 20, 13-17; 18,10; Dt 5,17-19.21; Mt 5,33;19,18. Is-saħħara kienu wkoll magħrufa ħafna fi żmien il-kitba tad-*Didachè*. Ara Atti 8,9 ss; 13,6-8. Ma' dawn id-delitti l-awtur isemmi wkoll l-abort u l-qtil tat-trabi.

15. Mt 5,33; 15,19; 19,18.

4. Tkunx ta' wiċċ b'ieħor la fi ħsiebek u lanqas fi kliemek, għax l-ilsien qarrieq hu nassa tal-mewt.[16]

5. Ma jkunx qarrieq jew vojt kliemek, iżda jiswa ta' ġid b'xhieda tal-ħajja.

6. Tkunx rgħib jew ħattafi, tkunx ta' wiċċ b'ieħor, tkunx ħajjen jew kburi. Tberrenx f'moħħok kontra għajrek.

7. Tobgħod lil ħadd; xi wħud widdibhom, oħrajn itlob għalihom, u oħrajn ħobbhom aktar minnek innifsek.[17]

**Tagħlim il-Għerf**

3, 1. Ibni,[18] aħrab il-ħażen ta' kull xorta u dak kollu li jixbhu.

2. Tagħdabx malajr, għax l-għadab iwassal għall-qtil.

---

16. Ara Prov 21,6 u Ġak 3,5-12.

17. Mt 5,43-44.

18. L-awtur isejjaħ "ibnu" lil dak jew lil dawk li lilhom kien qed jikteb; jew għax kienu dixxipli tiegħu kif l-għalliema Lhud kienu jsejħu lid-dixxipli tagħhom (Prov 2,1; 3,1; eċċ), jew għax kien għammidhom hu, nissilhom bil-kelma u l-magħmudija (ara 1 Kor 4,15; Film 10).

Tkunx fanatiku[19] jew ġellied jew li jitlagħlek malajr; dan kollu jnissel il-qtil.

3. Ibni, tixxennaqx għall-pjaċiri ħżiena, għax dawn iwasslu għaż-żina. Tgħidx kliem faħxi u tħallix 'l għajnejk jiġru bla rażan, għax dan kollu jnissel l-adulterju.

4. Ibni, tagħmilhiex ta' bassar għax dan iwassal għall-idolatrija. Tagħmilhiex ta' saħħar jew ta' wieħed li jistħarreġ il-kwiekeb jew ta' wieħed li jitkixxef il-ġejjieni.[20] Dawn ħwejjeġ li lanqas biss għandek tixtieq tarahom (jew tismagħhom), għax dawn kollha jnisslu l-idolatrija.

5. Ibni, tkunx giddieb, għax il-gideb iwassal għas-serq. Tkunx rgħib għall-flus, lanqas mogħti għall-ftaħir fieragħ, għax

19. Il-kelma *zelotès* f'sens pożittiv tista' tfisser "imħeġġeġ", bħal Tit 2,14 ("imħeġġeġ għall-għemil it-tajjeb"; ara wkoll 1 Kor 14,12; Gal 1,14). L-awtur tad-*Didachè* juża din il-kelma fis-sens negattiv ta' fanatiżmu reliġjuż jew politiku bħalma kienu l-Lhud "żeloti" (ara Lq 6,15).

20. L-awtur jiddiżapprova kull xorta ta' maġija kif kienet magħrufa fi żmienu u kif fuqhom naqraw ukoll fil-liġijiet tat-TQ. Ara Dt 18,10-11; 1 Kron 33,6. Ir-raġuni hi għax dawn huma wkoll forma ta' idolatrija.

dan kollu jnissel is-serq.[21]

6. Ibni, tkunx wieħed li jgemgem, għax it-tgemgim iwassal għall-gideb fuq l-oħrajn;[22] tkunx imkabbar u rasek iebsa, għax dan kollu jnissel il-gideb fuq l-oħrajn.

**L-Ideal tal-Fqajrin**

7. Għall-kuntrarju, kun ta' qalb ħelwa għax dawn ikollhom b'wirthom l-art.[23]

8. Kun bniedem ta' sabar, ħanin, bla qerq, kwiet u twajjeb,[24] u ibża' dejjem għall-kliem tat-tagħlim li smajt.

9. Titkabbarx bik innifsek u tingħatax għall-preżunzjoni. Tkunx midħla tal-kburin, iżda għamilha ma' min hu twajjeb u umli.[25]

---

21. "Ftaħir fieragħ" *(hemòdoxos, "vana gloria").* Inissel is-serq, għax dak li jkun biex jidher kbir u bravu jasal biex jisraq, jekk ma jkollux flus biex jagħmel wirja tajba tiegħu nnifsu.

22. Ara Prov 16,28.

23. Salm 37, 11; Mt 5,4.

24. Kwalitajiet morali sbieħ tal-bniedem fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn. Kliem ispirat minn Mt 5,5.7-9.

25. Rum 12,16; Ġak 2,1-3.

10. Kull ma jiġrilek ħudu b'barka, għax għandek tkun taf li xejn ma jiġri mingħajr Alla.

**L-Imġiba ma' l-Aħwa**

4, 1. Ibni, lejl u nhar ftakar f'min ixandarlek il-kelma ta' Alla,[26] u weġġħu bħallikieku kien il-Mulej, għax fejn ikun hemm min jitkellem fuq is-setgħa tal-Mulej, hemm hu l-Mulej.[27]

2. Fittex dejjem li tagħmilha ma' nies qaddisin biex tissaħħaħ bi kliemhom.[28]

3. Toħloqx firdiet, iżda lil dawk li jkollhom xi jgħidu ħabbibhom bejniethom. Aqta' l-ħaqq bil-ġustizzja; meta tiġi biex twiddeb lil min jiżbalja, tħarisx lejn l-uċuħ.[29]

---

26. Lhud 13,7.

27. *Kyríotes,* is-sovranità, "is-setgħa tal-Mulej" (ara 2 Pt 2,10; Ġud 8). Sinonimu għal Alla, is-Sid assolut ta' kollox.

28. Sir 6,34-36. Il-kumpanija ta' "nies qaddisin", jiġifieri, ta' l-Insara. Kif l-Iżraelin kienu l-qaddisin tat-T.Q., għax kienu l-magħżulin ta'Alla, hekk l-Insara huma l-qaddisin, għax huma magħżulin minn Alla u huma kkonsagrati lilu (ara 1 Pt 2,9).

29. Dt 1,16-17; Prov 31,9; Sir 4,9.

4. Żomm sħiħ mad-deċiżjoni tiegħek.[30]

**Il-Karità** 5. Tkunx bħal dak li jiftaħ idejh biex jirċievi u jagħlaqhom meta jiġi biex jagħti.[31]

6. Jekk għandek mnejn tagħti bi qligħ xogħol idejk, agħti bi tpattija ta' dnubietek.[32]

7. Tarahiex bi tqila tagħti, u tagħtix bit-tgergir. Għad tkun taf min hu dak li jpattilek bi ħlas tajjeb.[33]

---

30. Tinħass ħaġa stramba kif dan l-ordni jidħol f'dan il-kontest. Bih l-awtur aktarx ried ifisser li meta tagħti l-ġudizzju tiegħek, tkun xi tkun id-deċiżjoni li tieħu, ibqa' sod u żomm sħiħ magħha.

31. Dt 15,7-8; Sir 4,31.

32. Il-karità hi opra ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet. Dan hu tagħlim magħruf ħafna fit-tradizzjoni Lhudija u Nisranija, kif jixhdu ħafna testi tal-Bibbja: Tob 4,10; 12,9; Sir 3,30; Dan 4,24; Lq 11,41; 1 Pt 4,8.

33. Prov 19,17; 1 Pt 4,9; 2 Kor 9,6.7.

8. Iddawwarx wiċċek minn dak li hu fil-bżonn; għall-kuntrarju aqsam ġidek ma' ħuk, u tgħidx: 'Dan ġidi'.[34] Jekk intom imseħbin f'dak li jibqa' għal dejjem, kemm aktar għandkom tissieħbu f'dak li jgħaddi.

**Dmirijiet tad-Dar**

9. Iżżommx idek lura minn ibnek jew minn bintek, iżda sa minn żgħożithom għallimhom il-biża' ta' Alla.[35]

10. Lill-qaddej jew lill-qaddejja tiegħek tagħtihomx ordnijiet meta tkun irrabjat; huma wkoll jittamaw fl-istess Alla.[36] Inkella jistgħu jaslu biex jitilfu l-biża' ta' Alla, li hu fuqhom ilkoll. Għax hu ma jiġix biex isejjaħ skond l-uċuħ, iżda jiġi għal dawk li jkun ħejja l-Ispirtu.

34. Dan hu tagħlim skond il-mod tal-ħajja ta' l-ewwel Insara ta' Ġerusalemm. Atti 2,44; 4,32; Rum 15,25-27.

35. Salm 34,12; 19,18. F'dawn il-versi (4,9-11) l-awtur jippreżenta lista tad-dmirijiet domestiċi fil-ħajja tal-familja, kollha bbażati fuq il-prinċipju ewlieni tal-biża' ta' Alla. Dan it-tagħlim jaqbel ma' Kol 3,18-4,1; Efes 5,21-6,9.

36. Lev 25,43; Sir 4,30; 7,20-21; Efes 6,9; Kol 4,1.

11. Imma intom, qaddejja, oqogħdu għas-sidien tagħkom bħallikieku għax-xbieha ta' Alla bil-qawwa u l-biża'.[37]

**Tmiem it-Triq tal-Ħajja** 12. Stmell kull xorta ta' ipokrisija u dak kollu li ma jagħġobx lill-Mulej.

13. Qatt m'għandek twarrab il-kmandamenti tal-Mulej; imma ħares dak li ħadt, la żżid xejn miegħu u lanqas tnaqqas minnu.[38]

14. Fil-laqgħa tal-ġemgħa stqarr ħtijietek u tmurx għat-talb b'kuxjenza ħażina.[39]

Din hi triq il-ħajja.

---

37. Efes 6,5-6; Kol 3,22-23. Il-qaddejja jaraw ir-rappreżentanti ta' Alla fis-sidien tagħhom. Ara Rum 13,1ss.

38. Dt 4,2; 13:1.

39. "Fil-laqgħa tal-ġemgħa" *(en ekklesía).* Kienu jagħmlu l-qrara pubblika, individwali jew ġenerali. Ara *Didachè* 14,1.

**It-Triq tal-Mewt** 5, 1. Din hi issa t-triq tal-mewt. L-ewwelnett, hi ħażina u kollha saħta: qtil, adulterji, xewqat ħżiena, żina, serq, idolatriji, teħbir, sħarijiet, ħtif, xhidiet foloz, ipokrisija, falzità, qerq, kburija, ħżunija, arroganza, regħba, kliem mhux xieraq, ġelosija, tferfix, suppervja, preżunzjoni, nuqqas tal-biża' ta' Alla.[40]

2. Din hi t-triq ta' dawk li jippersegwitaw it-tajbin, li jobogħdu l-verità, iħobbu l-gideb; li ma jafux bil-ħlas tal-ġustizzja, ma jingħatawx għat-tajjeb jew biex jagħmlu l-ħaqq bis-sewwa, moħħhom mhux biex jagħmlu dak li hu sewwa, iżda dak li hu ħażin. Hi t-triq ta' dawk li huma barranin għall-ħlewwa u għas-sabar; ta' dawk li jħobbu l-frugħa u jagħmlu għal wara l-qligħ; ta' dawk li huma bla qalb għall-foqra, li huma indifferenti għall-magħkus, li ma jagħrfux il-Ħallieq tagħhom, qattiela tat-tfal, qerrieda ta' l-opra ta' Alla. Hi t-triq ta' dawk li jwarrbu wiċċhom minn min hu fil-bżonn, li jgħakksu lil min hu magħkus, difensuri ta' l-għonja, imħallfin inġusti

40. Lista sħiħa ta' vizzji u dnubiet (23). Ara Mt 15,19; Mk 7,21s; Rum 1,29s; Gal 5,20.

tal-foqra - hi t-triq ta' nies mgħaddsa fil-ħażen.[41] Uliedi, jalla żżommu 'l bogħod minn dan kollu!

**Tmiem iż-Żewġ Toroq**

6, 1. Qis li ħadd ma joħorġok 'il barra minn din it-Triq tat-Tagħlim, għax tagħlim ieħor ibiegħdek minn Alla.

2. Jekk int tiflaħ iġġorr il-madmad tal-Mulej kollu kemm hu,[42] tkun perfett; jekk le, agħmel dak li tista'.

---

41. L-awtur ikompli jiddeskrivi t-triq tal-ħżiena li twassal għall-mewt. Kull xorta ta' ħażen u ta' vizzji - fosthom "l-abort": "qattiela tat-tfal" *(phoneis téknôn);* il-verżjoni antika Latina tittraduċi bil-kelma *abortuantes*.

42. "Il-Madmad tal-Mulej." Ara Mt 11,29-30. Il-liġi tal-Mulej Ġesù skond l-Evanġelju. U "kollu kemm hu" *(holos)* bil-kmandamenti tiegħu kollha u forsi wkoll bil-"kunsilli evanġeliċi". Hi kwistjoni tal-perfezzjoni (ara Mt 19,21). Min jiflaħ jerfa' l-madmad kollu kemm hu, ikun perfett. Min ma jiflaħx għalih kollu, iġorr minnu dak li jista'.

3. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikel, ħu dak li tista' tieħu; imma żomm sħiħ li ma tikolx laħam issagrifikat lill-idoli; għax din tkun qima lill-allat mejta.[43]

43. Din l-istruzzjoni ssib postha fiċ-ċirkustanza magħrufa tal-Knisja fl-ewwel żmien fuq l-ikel li setgħu jieħdu jew ma jeħdux dawk li kienu jsiru Nsara. Dawk li kienu min-naħa tal-Lhud kienu jarawha li kbira jieħdu ikel li kontra t-tradizzjoni tagħhom kien iddikjarat "profan u mniġġes" (Atti 10,14-15; ara Mk 7,18-19). Għalkemm din il-liġi twarrbet mit-tagħlim ta' l-Evanġelju (Atti 10,15), l-appostli, miġburin f'"konċilju" f'Ġerusalemm, ħallew lil-Lhud-Insara jibqgħu jżommuha skond it-tradizzjoni tagħhom u rrakkmandaw lill-Insara li kienu ġew min-naħa tal-pagani biex, b'rispett lejn ħuthom il-Lhud, jaqblu magħhom ukoll f'dak li kienu jieklu (Atti 15,20-21.29). Iżda l-awtur tad-*Didachè* ordna lill-Insara kollha biex jastjenu mill-ikel ta' laħam li kien ikun ġie ssagrifikat lill-idoli għax b'hekk kienu jkunu qegħdin juru li japprovaw l-idolatrija (ara 1 Kor 10,20; Apok 2,14.20). Lill-idoli tal-pagani sejħilhom "allat mejta" (Salm 115,4ss; Is 40,18ss; 1 Kor 8,4; 10,20).

# 2. SEZZJONI LITURĠIKA (7,1 - 10,7)

**Il-Magħmudija**

7,1. Meta tgħammdu, għammdu hekk:[44] wara li tkunu fissirtu minn qabel dak kollu li għedna,[45] għammdu fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu,[46] fl-ilma ġieri.[47]

---

44. F'dawn il-versi l-awtur jagħti struzzjonijiet fuq ir-rit tal-amministrazzjoni tal-magħmudija. Jagħtihom lill-membri tal-komunità nisranija li kienu awtorizzati jamministraw dan is-sagrament.

45. L-ewwel li kellhom jagħmlu kienet il-katekeżi: ifissru "dak kollu" li l-awtur kien għallem lilhom fl-ewwel parti ta' dan il-ktieb fuq "iż-Żewġ Toroq" (1,1-6,3). Naturalment dan kien jgħodd għall-magħmudija tal-kbar; l-awtur ma kellux quddiem għajnejh il-magħmudija tat-trabi.

46. Din hi l-formola tal-magħmudija skond il-kliem ta' Ġesù fl-Evanġelju ta' San Mattew (Mt 28,19). Din il-formula trinitarja kienet użata fil-komunitajiet Insara, li kienu l-aktar min-naħa tal-pagani. F'komunitajiet insara tal-Lhud kien hemm il-formula qasira u primittiva tal-magħmudija "f'isem il-Mulej Ġesù (Atti 2,38; 8,16; 19,5; f'*Didachè* 9,5 għandna wkoll riferenza għal din il-formula).

47. "Fl-ilma ġieri". Litteralment: "fl-ilma ħaj" (ara Ġw 7,38). Forsi riferenza għall-ilma ta' l-għejun jew tan-nixxigħat.

2. Jekk m'għandekx ilma ġieri, għammed f'ilma ieħor, u jekk ma tistax tgħammed f'ilma kiesaħ, għammed f'ilma sħun.

3. Jekk m'għandekx la kiesaħ u lanqas sħun, sawwab l-ilma fuq ir-ras[48] għal tliet darbiet fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

4. Qabel il-magħmudija, qis li sew min jgħammed u sew min ikun se jitgħammed isumu; hekk ukoll jagħmlu oħrajn li jkunu jistgħu. Qis li min jitgħammed isum minn jum jew jumejn qabel.

48. L-awtur ried ikun prattiku; qies il-każ tan-nuqqas ta' l-ilma meħtieġ biex il-magħmudija ssir bl-immersjoni. F'dan il-każ tista' ssir bl-infużjoni, bit-tiswib ta' l-ilma fuq ras min jitgħammed. Bl-ilma ġieri jew m'huwiex, kiesaħ jew sħun, bl-immersjoni jew bl-infużjoni - l-aqwa li jkun ilma tajjeb li jfisser il-magħmudija.

**Is-Sawm u t-Talb**

8, 1. Is-sawm taghkom ma jkunx bhal ta' dawk ta' wiċċ b'ieħor.[49] Huma jsumu fit-tieni u l-ħames jum tal-ġimgħa; imma intom għandkom issumu fir-raba' jum u f'jum it-tħejjija.

2. U titolbux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, imma itolbu kif ordna l-Mulej fl-Evanġelju tiegħu:[50]

---

49. F'din il-parti (8,1-3) l-awtur jgħaqqad flimkien is-sawm u t-talb skond it-tradizzjoni Lhudija u Nisranija ta' l-ewwel żmien. Il-Lhud kienu jsumu darbtejn fil-ġimgħa: it-Tnejn u l-Ħamis. L-Insara bdew isumu darbtejn fil-ġimgħa wkoll: l-Erbgħa u l-Ġimgħa ("Jum it-tħejjija", ara Ġw 19,31).
L-importanti fil-fehma ta' l-awtur kien li t-talb u s-sawm ta' l-Insara ma jkunx bħal ta' dawk "ta' wiċċ b'ieħor". Kif jgħid hu stess, din hi riferenza għall-kliem ta' Ġesù fl-"Evanġelju." Din it-twissija ta' Ġesù naqrawha kelma b'kelma fl-Evanġelju ta' San Mattew (6,5.16). Ma nafux jekk l-awtur tad-*Didachè* kellux f'moħħu dan l-Evanġelju, jekk kien diġà nkiteb, jew inkella l-istess tagħlim ta' Ġesù li kien magħruf fil-komunità tiegħu bix-xandir ta' l-Evanġelju orali.
Fil-kuntest ta' l-Evanġelju skond Mattew "dawk ta' wiċċ b'ieħor" huma l-Fariżej. Jista' jkun li l-awtur tad-*Didachè* kellu f'moħħu lilhom ukoll jew forsi l-Lhud ta' żmienu in ġenerali jew, kif jaħsbu xi wħud, il-Ġudaizzanti, dawk l-Insara li kienu ġew min-naħa tal-Lhud (ara Gal 2,13-14).

50. Il-verżjoni tat-"Talba tal-Mulej" fl-oriġinal Grieg tad-*Didachè* taqbel verbalment (bi tliet differenzi żgħar) ma' dik ta' l-Evanġelju ta' San Mattew (6,9-13; b'differenza kbira minn dik ta' Lq 11,2-4). Sinjal li din it-talba ta' l-ewwel Insara fil-komunità tad-*Didachè* kienet magħrufa skond it-tradizzjoni ta' l-Evanġelju ta' San Mattew.

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek,
tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.
Għax tiegħek hi s-setgħa
u l-glorja għal dejjem.[51]

3. Itolbu hekk tliet darbiet kuljum.[52]

---

51. Fit-test ta' l-Evanġelju ta' San Mattew ħafna manuskritti jżidu f'għeluq it-"Talba tal-Mulej" din id-dossoloġija: "Għax tiegħek hi s-saltna u s-setgħa u l-glorja għal dejjem" (invokazzjoni ispirata minn 1 Kron 29,11-13). Id-*Didachè* jgħarrafna li l-Insara ta' din il-komunità kienu jafu b'din il-formula u kienu jgħiduha flimkien f'għeluq it-"Talba tal-Mulej." Ninnutaw li fil-formula tad-*Didachè* m'hemmx il-kelma "is-saltna" (ara wkoll 9,4 u 10,5).

52. Il-Lhud kienu jitolbu darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija, fit-tempju jew fis-sinagoga; kienu jgħidu x-*Xemone esrè* (it-"tmintax-il barka"). L-Insara bdew jitolbu tliet darbiet kuljum u kienu jgħidu kull darba t-talba tal-"Missierna". Minn hawn ġejja l-użanza tagħna li aħna wkoll ngħidu din it-talba, uffiċjalment, tliet darbiet kuljum: filgħodu, fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, filgħaxija, fl-Għasar u f'xi ħin ieħor fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, fil-Quddiesa.

**L-Ewkaristija**

**9**, 1. Meta tiġu għall-Ewkaristija,[53] roddu ħajr hekk:

53. Dan il-kapitlu 9 jittratta fuq iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Imma wkoll il-kapitlu 10 li jiġi warajh ikompli fuq l-ikla ritwali jew ikla sagra. Biex nifhmu aħjar, iż-żewġ kapitli rridu nqisuhom flimkien (ara n-noti ta' l-introduzzjoni, p.28-30)

Xi studjużi jaħsbu li l-awtur kien qed jiddeskrivi biss ir-rit ta' l-*agàpe,* l-ikla ta' l-aħwa fl-imħabba kif kienu jagħmlu l-Insara tal-bidu. Oħrajn jidhrilhom li fehem jitkellem fuq l-Ewkaristija biss. Forsi aħjar ngħidu li din l-ikla kienet l-*agàpe* li fiha kienet tiġi ċċelebrata wkoll l-Ewkaristija; kienet "l-ikla tal-Mulej" (1 Kor 11,17-29).

Ninnutaw li f'dawn l-istruzzjonijiet l-awtur ikellem direttament lill-membri kollha tal-komunità u lilhom jgħid x'għandhom jagħmlu biex jiċċelebraw l-Ewkaristija kif jixraq. Il-verbi huma kollha fil-plural - "roddu ħajr", "irroddulek ħajr" ... Ma jissemmiex ministru ta' l-Ewkaristija. Madankollu, din it-talba ewkaristika (9,1-10,7) hi kollha kemm hi djalogata bejn xi ħadd li kien imexxi jew jgħid partijiet tat-talba u l-membri tal-ġemgħa li jwieġbu għat-talb tiegħu. Imma huma l-membri kollha tal-komunità flimkien li jiċċelebraw. Kienu jafu u jemmnu li l-Ewkaristija kienet l-azzjoni komuni tagħhom ilkoll flimkien bis-saħħa tas-sehem li kellhom fis-"saċerdozju qaddis" ta' Ġesù Kristu (1 Pt 2,5). Aħna wkoll fil-liturġija tagħna ngħidu t-talb ta' l-Ewkaristija fil-plural, f'isem il-komunità kollha mmexxija mill-presbiteru, li hu wieħed mill-oħrajn.

2. L-ewwel, fuq il-kalċi:[54] Missierna,[55] irroddulek ħajr għad-Dielja Mqaddsa ta' David,[56] il-qaddej tiegħek, li int għarrafthielna permezz ta' Ġesù, il-Qaddej tiegħek.[57]
Glorja lilek għal dejjem.

---

54. "L-ewwel fuq il-kalċi", skond ir-rit ta' l-ikla ritwali tal-Lhud li kienu jibdew bl-ewwel tazza ta' l-inbid, nota li ħallihielna wkoll San Luqa fl-istorja ta' l-aħħar ikla ta' Ġesù (Lq 22,17).

55. Din it-talba ewkaristika (9,1-10,7) hi diretta kollha kemm hi lil Alla l-Missier. Hekk hi t-"Talba Ewkaristika" tagħna llum ukoll.

56. Nistgħu naħsbu li din l-espressjoni, "id-Dielja ta' David", hi ispirata mill-figura ta' "l-għerq ta' Ġesse" jew mir-"Rimja tal-familja ta' David", u hi titlu messjaniku applikabbli għal Ġesù bħala l-Messija, Bin David (ara Is 11,1.10; Rum 15,13; Apok 5,5; 22,16). Hekk b'dan it-titlu l-awtur tad-*Didachè* fehem ifisser lil Ġesù Kristu. Id-dielja hi simbolu ta' Ġesù Kristu (Ġw 15,1) u b'mod speċjali tfisser tajjeb l-inbid ta' l-Ewkaristija, li hu d-Demm ta' Kristu.

57. Lil David sejjaħlu "qaddej ta' Alla." Hekk ukoll lil Ġesù. It-titlu messjaniku ta' David jgħodd għal Ġesù Kristu, "il-Qaddej tal-Mulej" (Atti 3,13.26; ara Is 42,1-4; Mt 12,18).

3. Imbagħad, fuq il-ħobż maqsum:[58] Missierna, irroddulek ħajr għall-ħajja u l-għarfien[59] li int għarraftna permezz ta' Ġesù, il-Qaddej tiegħek.
Glorja lilek għal dejjem.

4. Kif dan il-ħobż maqsum kien imxerred fuq l-għoljiet u mbagħad inġabar u sar ħaġa waħda,[60] ħa tkun miġbura wkoll il-Knisja tiegħek minn truf l-art fis-Saltna tiegħek.
Għax tiegħek hi l-glorja u s-setgħa permezz ta' Ġesù Kristu għal dejjem.

5. Ħadd m'għandu jiekol jew jixrob mill-Ewkaristija tagħkom ħlief dawk li huma mgħammda f'isem il-Mulej; għax

---

58. "Il-qsim tal-ħobż" kienet l-espressjoni komuni għall-Ewkaristija (Mt 26,26 par; Atti 2,42.46; 20,7-11; 1 Kor 10,16).

59. "Il-ħajja u l-għarfien" huma doni tar-rivelazzjoni li wasslilna l-Iben ta' Alla, Ġesù Kristu (Lq 1,77; Ġw 3,15; 2 Kor 4,6; 2 Pt 3,18).

60. L-Ewkaristija hi s-sagrament ta' l-għaqda tal-Knisja. Tfisser l-għaqda u ġġibha fil-membri tal-Knisja. Tfissirha bit-tixbiha tal-ħobża waħda, miġbura u maħduma mill-qamħ imxerred fir-raba' u fuq l-għoljiet. Iġġibha fost l-Insara għax tgħaqqadhom flimkien ħaġa waħda ladarba lkoll jieklu minn ħobża waħda (ara 1 Kor 10,17).
L-Ewkaristija hi s-simbolu ta' l-universalità u ta' l-unità tal-Knisja, li hi miġbura fis-Saltna waħda ta' Alla minn kull rokna ta' l-art.

għal dan ukoll qal il-Mulej: "Tagħtux lill-klieb dak li hu qaddis."[61]

**Ir-Radd il-Ħajr**

**10**, 1. Wara li tkunu kiltu u xbajtu, roddu ħajr hekk:

2. Irroddulek ħajr, Missier Qaddis, għall-Isem qaddis tiegħek, li int ridtu jgħammar fi qlubna[62] u għall-għarfien, il-fidi u l-immortalità li int għarraftna permezz tal-Qaddej tiegħek. Glorja lilek għal dejjem.

61. Applikazzjoni tal-kliem ta' Ġesù (Mt 7,6) għat-tqarbin imqaddes. Min m'huwiex den ma jersaqx lejh. Hekk kienet ukoll il-liġi tat-Testment il-Qadim fuq l-"ikel imqaddes" (Lev 22,14).

62. Bl-Ewkaristija Alla jagħmel li l-Isem qaddis tiegħu jgħammar fina. L-Isem ta' Alla hu Alla nnifsu; hu sinonimu għal dak kollu li Alla hu fih innifsu bis-setgħa u l-glorja tiegħu. L-Ewkaristija tfisser din l-abitazzjoni ta' Alla fina. Alla jgħammar *(kateskénosas)* fina tassew! (ara Ġw 1,14).

3. Int, Sid li tista' kollox, ħlaqt kollox f'ġieħ Ismek.[63] Ikel u xorb tajt lill-bnedmin biex igawduh u biex iroddulek ħajr. Imma lilna tajtna l-grazzja ta' l-ikel u x-xorb spiritwali u tal-ħajja ta' dejjem permezz ta' (Ġesù), il-Qaddej tiegħek.

4. Fuq kollox, irroddulek ħajr għax int tista' kollox. Glorja lilek għal dejjem.

5. Ftakar,[64] Mulej fil-Knisja tiegħek: eħlisha minn kull deni, wettaqha f'imħabbtek, iġborha, din il-Knisja mqaddsa, mill-erbat irjieħ (tad-dinja)[65] fis-Saltna tiegħek, li int ħejjejt għaliha.
Għax tiegħek hi s-setgħa u l-glorja għal dejjem.

---

63. Ara Għerf 1,14; Sir 18,1; 24,8; Apok 4,11. F'dawn il-versi l-awtur isemmi l-ikel u x-xorb materjali meħtieġ u x-xorb spiritwali tal-ħajja ta' dejjem. Għalihom it-tnejn irodd ħajr 'l Alla, imma l-aktar għall-ikel u x-xorb tal-ħajja ta' dejjem, li hu l-Ewkaristija.

64. Din hi t-talba sabiħa għall-Knisja li għadna ngħidu aħna wkoll fil-Quddiesa tagħna: "Ftakar, Mulej, fil-Knisja tiegħek imxerrda mad-dinja kollha, wettaqha fl-imħabba ..."

65. Ara Mt 24,31.

6. Jalla tiġi l-Grazzja[66] u tgħaddi din id-dinja![67] Hosanna lil Alla ta' David! Min hu qaddis, ħa jersaq; min m'huwiex, ħa jindem. Marana-ta![68]
Amen.[69]

7. Lill-profeti ħalluhom iroddu ħajr kemm iridu.[70]

---

66. "Il-Grazzja" *(charis),* kif nifhmu mill-kuntest, hi titlu li jfisser 'il Ġesù Kristu; u jixraqlu wkoll! Dawn il-versi jfissru x-xewqa ta' l-Insara ta' l-ewwel żmien għall-miġja ta' Ġesù Kristu (ara 1 Tess 4,15ss; 2 Tess 2,1ss). Kienu jitolbu bil-ħerqa li jfittex jiġi (Apok 22,17.20).

67. Mt 21,9.15

68. Ara 1 Kor 16,22. Tista' tinkiteb: *maran-ata,* u tfisser f'sens affermattiv: "il-Mulej ġie!", jew *marana-ta,* u tfisser talba u xewqa għall-miġja tiegħu: "Mulejna, ejja!" (ara Apok 22,20). Jidhrilna li ta' l-aħħar toqgħod aħjar f'dan il-kuntest tad-*Didachè*.

69. Din hi l-aħħar kelma f'għeluq it-talba ewkaristika. Hi t-tweġiba tal-membri tal-komunità kollha għat-talba taċ-"ċelebrant" li, kif jidher, kien jgħidha f'isimhom. Mill-kuntest kollu naraw li din it-talba kienet djalogata bejn il-mexxej u l-membri l-oħra, kif inhi t-talba ewkaristika tagħna llum.

70. Minħabba l-karattru kariżmatiku tagħhom, il-profeti ma kinux marbutin li jgħidu talb determinat. Setgħu jitolbu kif iridu u jdumu kemm iridu.

# 3. SEZZJONI DIXXIPLINARI (11,1 -15,4)

**L-Għalliema**

11, 1. Jekk jiġikom xi ħadd u jgħallimkom dak kollu[71] li għedna qabel, ilqgħuh.

2. Imma jekk l-għalliem innifsu jiġi jgħallem tagħlim ieħor li jmur kontra t-tagħlim ta' qabel, tisimgħuhx. Imma jekk iħajjar għall-ġustizzja u għat-tagħrif tal-Mulej, ilqgħuh bħallikieku l-Mulej.

**L-Appostli**

3. Ma' l-appostli u l-profeti[72] imxu hekk, skond l-ordni ta' l-Evanġelju:[73]

---

71. "Dak kollu." Riferenza għat-tagħlim uffiċjali fuq iż-"Żewġ Toroq" (1,1-6,3; ara 7,1).

72. Fuq dawk li kienu awtorizzati jgħallmu t-tagħlim nisrani l-awtur tad-*Didachè* jsemmi tliet ministeri: a) *l-għalliema,* li kienu jafu d-duttrina sewwa; b) *l-appostli,* li kienu bħal missjunarji itineranti, c) *il-profeti,* dawk li kienu jkunu mogħnija bil-kariżma tal-kelma mħeġġa, biex jgħallmu, iwissu u jfarrġu lill-oħrajn; ġie li kienu jkunu wkoll itineranti.

73. Skond id-direttivi mogħtija minn Ġesù lid-dixxipli tiegħu - ara Mt 7,15ss; 10,5ss; Lq 9,1-6; 10.4ss.

4. Malli jasal għandkom kull appostlu, ilqgħuh bħallikieku lill-Mulej.

5. Imma hu m'għandux joqgħod ħlief jum wieħed.[74] Jekk ikun hemm bżonn, joqgħod ukoll jum ieħor; imma, jekk joqgħod tlett ijiem, ikun profeta falz.

6. Meta jiġi biex jitlaq, l-appostlu m'għandu jieħu xejn ħlief il-ħobż li jservih sa l-ewwel waqfa għal-lejl; jekk jitlob il-flus, ikun profeta falz.[75]

---

74. L-appostli ma kellhomx jieqfu f'post wieħed biex ixandru l-Evanġelju, imma kellhom jimxu minn post għal ieħor. Kienu evanġelisti itineranti. L-awtur irrakkmanda lill-Insara tal-komunità biex jilqgħuhom tajjeb. Imma wissiehom ukoll biex ma jħalluhomx jabbużaw mit-tjubija tagħhom u joqogħdu hemm kemm jogħġobhom magħhom. Jekk dawn jagħmlu hekk, kienu jkunu "profeti foloz."

75. Hekk ukoll l-appostlu li, barra l-ikel meħtieġ għat-triq, kien jasal biex jitlob il-flus. Dan kien imur kontra l-ordni ta' Ġesù (Mt 10,9-10; Mk 6,8; Lq 9,3). Għalhekk kien ikun ukoll profeta falz.

**Il-Profeti** 7. Jekk xi profeta jiġi jitkellem imnebbaħ mill-Ispirtu, iġġarrbuhx u tiġġudikawhx;[76] għax kull dnub jinħafer, imma dnub bħal dan ma jinħafirx.

8. Madankollu, mhux kull min jitkellem imnebbaħ mill-Ispirtu hu profeta, sakemm ma jkunx qed jgħix il-ħajja skond il-Mulej. Mill-mod kif wieħed jgħix jingħaraf jekk hux profeta falz jew profeta veru.[77]

9. L-ebda profeta li, imnebbaħ mill-Ispirtu, jordna li ssir ikla,[78] ma jieħu sehem fiha; jekk jiekol minnha hu wkoll, ikun profeta falz.

10. Kull profeta li jgħallem is-sewwa u mbagħad ma jagħmilx dak li jgħallem, hu profeta falz.

---

76. Min jitkellem għax ikun tassew imnebbaħ mill-Ispirtu jkun profeta ġenwin u ta' min jemmnu. Dan m'għandux jiġi ppruvat u ġġudikat (ara 1 Kor 12,3; 14,2). Mill-frott tiegħu jingħaraf (Mt 7,20). F'każ bħal dan min jiġġudikah ikun jidneb kontra l-Ispirtu s-Santu, id-dnub "li ma jinħafirx" (ara Mt 12,31; Mk 3,28).

77. "Mill-frott tagħhom tagħrfuhom" (Mt 7,20). Min jitkellem imnebbaħ mill-Ispirtu jingħaraf mill-frott ta' l-Ispirtu (Gal 5,22-24).

78. "Jordna li ssir ikla": aktarx l-*agàpe,* l-ikla għall-foqra. Profeta veru, jekk jordna li ssir ikla bħal din ma japprofittax ruħu biex jiekol hu wkoll.

11. Jekk wieħed li jkun magħruf bħala profeta veru jgħix ħajja ta' l-art bil-ħsieb li jfisser il-misteru tal-Knisja,[79] sakemm ma jgħallimx l-oħrajn jagħmlu kif jagħmel hu, m'għandux jiġi ġġudikat minnkom; ħemm Alla li jiġġudikah. Fl-aħħar mill-aħħar, hekk għamlu wkoll il-profeti ta' qabel.

12. Jekk xi ħadd, imnebbaħ mill-Ispirtu, jgħidilkom: "Agħtuni l-flus" jew xi ħaġa oħra, tisimgħux minnu. Imma, jekk jitlobkom tagħtuh xi ħaġa għal min ikun fil-bżonn, ħadd m'għandu jikkritikah.

**L-Ospitalità**

**12**, 1. Kull min jiġi għandkom f'isem il-Mulej,[80] ilqgħuh; imbagħad, wara li tkunu ppruvajtuh, tagħrfuh, kif tafu tagħrfu idkom il-leminija mix-xellugija.

---

79. Kliem oskur u tqil. Xi wħud jaħsbu li b'dan il-kliem l-awtur kellu f'moħħu xi profeti li, biex ifissru xi veritajiet tal-Knisja, kienu jagħmlu azzjonijiet simboliċi ta' karattru materjali, kif kienu jagħmlu xi profeti tat-Testment il-Qadim (ara Is 20,1-6; Ġer 13,1-11; Eżek 4,1-5; 14,15-24). Oħrajn jaħsbu li kien il-każ ta' xi profeti li kienu miżżewġin ħażin u madankollu biż-żwieġ ħażin tagħhom kienu jifhmu jfissru "l-misteru tal-Knisja", jiġifieri ż-żwieġ mistiku ta' Kristu mal-Knisja (Efes 5,32; ara l-każ taż-żwieġ tal-profeta Hosegħa, 1,2ss).

80. "F'isem il-Mulej" - jew għax jgħallem it-tagħlim ġenwin tal-Mulej Ġesù jew għax hu dixxiplu tiegħu (Mt 10,40-42).

2. Jekk min jiġi għandkom ikun wieħed li jkun għaddej minn hemm, għinuh mill-aħjar li tistgħu; imma hu m'għandux jibqa' magħkom aktar minn jumejn jew, jekk ikun hemm bżonn, tlett ijiem.

3. Jekk, imbagħad, ikun irid jibqa' magħkom, u jkun wieħed tas-sengħa, ħa joqgħod u jaħdem biex jgħix.[81]

4. Jekk ma jkollu l-ebda sengħa, araw intom kif l-aħjar tgħinuh biex, ta' Nisrani[82] li hu, ma jkunx jgħix fl-għażż fostkom.[83]

5. Jekk ma jkunx irid joqgħod għal din il-kondizzjoni, ikun wieħed li jrid jinnegozja 'l Kristu.[84] Oqogħdu attenti minn nies bħal dawn.

---

81. Ara 2 Tess 3,10; Atti 18,3.

82. "Nisrani" *(christiànos).* "Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" (Atti 11,26).

83. 2 Tess 3,10-12.

84. "Jinnegozja 'l Kristu" *(christémporos)* "A trader in Christ", "Christmonger." Wieħed li jinqeda bir-reliġjon ta' Ġesù Kristu għall-qligħ tal-flus (ara 1 Tim 6,5).

**Il-Ħlas tal-Profeti u ta' l-Għalliema**

**13,** 1. Kull profeta veru, li jkun irid joqgħod magħkom, ħaqqu ħlasu.[85]

2. L-istess, għalliem veru, ta' ħaddiem li hu, ħaqqu ħlasu hu wkoll.

3. Għalhekk, ħudu l-ewwel frott kollu ta' l-għasir ta' l-għeneb u tal-ġbir tal-ħsad, ta' l-imrieħel tal-bhejjem u tan-nagħaġ u agħtuhom lill-profeti,[86] għax huma l-qassisin il-kbar tagħkom.[87]

4. U jekk m'għandkomx profeta, agħtuhom lill-foqra.

---

85. Mt 10,10; 1 Kor 9,13; 1 Tim 5,18.

86. Minn dan ir-regolament u mill-oħrajn bħalu fuq id-deċmi f'din il-parti tad-*Didachè* nifhmu li l-membri tal-komunità li lilhom inkiteb kienu jgħixu l-aktar mill-biedja u li din kienet komunità tal-kampanja. Ir-regolamenti huma skond it-tradizzjoni tal-Lhud li, skond il-liġijiet tagħhom, kellhom jagħtu l-ewwel frott ta' kull dħul tagħhom lill-qassisin (Eż 22,28-29; Num 15,20-21; Dt 18,3-4; Neħ 10,37). Fit-Testment il-Qadim dawn l-offerti kienu jingħataw lill-qassisin. Fid-*Didachè* jingħad li għandhom jingħataw lill-profeti (ara wkoll 13,6).

87. Milli jidher f'dik il-komunità kienu għadhom ma dehrux il-qassisin. Flokhom kienu jidħlu l-profeti. Imma f'*Didachè* 15,1-2 jissemmew l-isqfijiet u d-djakni.

5. Jekk taħmi l-ħobż, warrab l-ewwel ħobża u agħtiha skond il-kmandament.[88]

6. Hekk ukoll, jekk tiftaħ ġarra ta' l-inbid jew taż-żejt, imla l-ewwel xarba u agħtiha lill-profeti.

7. Mill-flus,[89] mill-ilbies, u minn kull ma għandek warrab sehem kif jidhirlek int u agħtih skond il-kmandament.

**Il-Ġemgħa f'Jum il-Mulej**

**14**, 1. F'jum il-Mulej[90] inġemgħu flimkien biex taqsmu l-ħobż u

---

88. "Il-kmandament" (3,7 ukoll). Jew dak tat-Testment il-Qadim jew xi kliem ta' Ġesù *(logion)* - li kien magħruf fit-tradizzjoni - fuq l-imħabba ta' l-aħwa (ara Ġw 13,34; 15,12-17).

89. It-taxxa fuq "il-flus" u fuq propjetajiet oħra tgħarrafna li l-membri tal-komunità ma kinux mill-klassi tal-bdiewa biss, iżda kien hemm ukoll oħrajn ta' kondizzjonijiet soċjali oħra.

90. "F'jum il-Mulej." Letteralment: "f'jum il-Mulej tal-Mulej" *(katà kyriakèn kyríou)*. L-espressjoni tagħmel enfasi fuq il-fatt li dan hu b'mod speċjali jum il-Mulej, u l-jum tiegħu biss, il-jum tal-qima tiegħu waħdu. Dan hu l-Ħadd, l-ewwel jum tal-ġimgħa. L-Insara sa mill-ewwel żmien bdew isejħulu "Jum il-Mulej" (Apok 1,10).
Sa mill-bidu dan kien ukoll jum il-laqgħa tagħhom flimkien għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija - "il-qsim tal-ħobż u r-radd il-ħajr" (ara *Didachè* 9,1-10,7).

troddu ħajr, wara li tkunu stqarrejtu ħtijietkom,[91] biex is-sagrifiċċju[92] tagħkom ikun safi.

2. Imma, jekk xi ħadd ikollu xi jgħid ma' sieħbu m'għandux jissieħeb magħkom qabel ma jitħabbu bejniethom,[93] biex ma jitħassarx is-sagrifiċċju tagħkom.

3. Għax din hi l-kelma tal-Mulej:[94] "Kullimkien u f'kull żmien offruli sagrifiċċju safi; għax jien Sultan kbir - jgħid il-Mulej - u Ismi ta' min jibża' minnu fost il-ġnus."

---

91. L-att penitenzjali, l-istqarrija pubblika tad-dnubiet b'sens ta' ndiema u umiltà bi tħejjija xierqa għas-sehem fl-Ewkaristija (ara 4,14; Ġak 5,16).

92. "Is-sagrifiċċju" *(thysìa)*. Kelma u ħsieb meħudin minn Mal 1,11.14, li hu kkwotat kollu fil-vers 3. L-Ewkaristija hi s-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid.

93. Mt 5,23-24.

94. "Tal-Mulej" *(tou kyríou)*. Fid-*Didachè* dan it-titlu jingħata regolarment lil Ġesù Kristu (fit-titlu tal-ktieb; u 6,2; 8,2; 9,5; 12,1). U hawn ukoll. Hekk l-awtur qiegħed kliem ta' Alla fit-Testment il-Qadim (Mal 1,11.14) fuq fomm il-Mulej Ġesù.

**Il-Ġerarkija** **15**, 1. Mela,[95] agħżlu[96] għalikom isqfijiet u djakni,[97] li jkun jistħoqqilhom ikunu tal-Mulej, nies twajba mhux marbutin mal-flus,

---

95. "Mela" *(oun)*. Din il-kelma ċkejkna tgħaqqad din il-parti ma' dik ta' qabilha (14,1-3). F'din ta' l-ewwel l-awtur kellem lill-membri tal-komunità fuq il-laqgħa tagħhom flimkien f'Jum il-Mulej għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Imma għaraf li għal din il-laqgħa ewkaristika kienu jeħtieġu l-ministri, li huma "l-isqfijiet u d-djakni." Dawn ukoll setgħu kienu mill-klassi tal-profeti u ta' l-għalliema. Qegħdin fil-bidu tat-twaqqif tal-ġerarkija, meta bdiet tinħass il-ħtieġa tal-ministri li jippresedu u jmexxu l-liturġija.

96. "Agħżlu". Il-kelma Griega *cheirotonésate* litteralment tirriferixxi għat-tqegħid ta' l-idejn b'sinjal ta' deputazzjoni jew awtorizzazzjoni (Ara Atti 13,3; 1 Tim 4,14; 5,22; 2 Tim 1,6). Ma nifhmux li din li jsemmi l-awtur tad-*Didachè* kienet xi ordinazzjoni sagra. Nifhmu li dak li ried ifisser kien li l-ministri tal-liturġija huma magħzulin mill-komunità biex iservu f'isem il-membri kollha tagħha. Huma magħżulin mill-poplu għas-servizz tal-poplu.

97. "Isqfijiet u djakni." (ara Fil 1,1). Lill-"presbiteri" ma jsemmihomx, għalkemm kienu magħrufa fl-ewwel żmien tal-Knisja (Atti 15,6; 20,17; 1 Tim 5,17; Tit 1,5). Irridu nifhmu li t-terminoloġija ta' l-uffiċċji ġerarkiċi tal-Knisja kienet għadha mhijiex stabbli fl-ewwel żmien. Ma nafux x'kienet sewwa d-differenza bejn l-isqfijiet u l-presbiteri. L-awtur tad-*Didachè* jsemmi l-"isqfijiet" fil-plural flok l-"isqof", kif suppost kellu jgħid għal komunità waħda. Jista' jkun, kif jaħsbu xi wħud, li bil-kelma fil-plural fehem ifisser "l-isqof bil-presbiteri miegħu."

sinċieri u ta' fama tajba;[98] għax huma wkoll jaqdukom fl-uffiċċju tal-profeti u ta' l-għalliema.[99]

2. Mela, tistmelluhomx; għax fostkom huma dawk li jistħoqqilhom il-ġieħ mogħti lill-profeti u lill-għalliema.[100]

**Il-Korrezzjoni Fraterna**

3. Widdbu lil xulxin mhux fir-rabja, iżda fis-sliem, kif għandkom fl-

98. Ara 1 Tim 3,2ss; Tit 1,7ss fuq il-kwalitajiet u l-virtujiet meħtieġa fl-isqfijiet.

99. Id-*Didachè* jsemmi żewġ kategoriji ta' ministeri fil-komunità tiegħu: a) l-isqfijiet u d-djakni; b) il-profeti u l-għalliema. Ta' l-ewwel kienu mexxejja uffiċjali; tat-tieni kienu "kariżmatiċi", imnebbħin mill-Ispirtu u bih kienu jitkellmu u jgħallmu. M'għandna l-ebda diffikultà naħsbu li xi wħud mill-profeti u l-għalliema kienu wkoll isqfijiet u djakni (u forsi wkoll presbiteri, għalkemm dawn ma jissemmewx). Hekk nistgħu nifhmu minn dan il-kliem ta' l-awtur, li bih jidentifika l-ministeri tagħhom ilkoll.

100. Milli jidher il-membri tal-komunità kienu jagħtu aktar importanza lill-profeti u lill-għalliema milli lill-isqfijiet u lid-djakni. L-awtur wissiehom li dan kien żball, għax kollha kemm huma kien jistħoqqilhom l-istess ġieħ.

Evanġelju;[101] u jekk xi ħadd iweġġa' lil għajru, ħadd m'għandu jkellmu; dan m'għandux jisma' kliem mingħandkom sa ma jasal biex jindem.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mat-talb, ma' l-għoti tal-karità u ma' l-imġiba kollha tagħkom, agħmlu kif għandkom fl-Evanġelju tal-Mulej tagħna.[102]

**Twissijiet fuq l-Aħħar taż-Żmien**

**16**, 1. Għassu fuq ħajjitkom; l-imsiebaħ tagħkom ma jintfewx u ġenbejkom ma jkunux bla ħżiem; imma kunu lesti, għax ma tafux is-siegħa li fiha jiġi Sidna.[103]

---

101. Ara Mt 18,15-17. Il-kliem "għandkom fl-Evangelju" *(hôs échete en to euangelío)* jistedinna nifhmu li l-awtur kellu f'moħħu xi evanġelju miktub (ara wkoll il-v.4).

102. Ara Mt 6,2-18, il-kliem ta' Ġesù fuq kif għandna nagħmlu l-opri tajba tagħna.

103. Mt 24,42-44; 25,13; Lq 12,35; Efes 6,14; 1Pt 1,13. It-twissija lill-Insara biex ikunu dejjem lesti għall-miġja tal-Mulej kienet wieħed mill-punti ewlenin fil-katekeżi primittiva.

2. Iltaqgħu spiss biex tistħarrġu fuq dak li jaqbel għal ruħkom; għax iż-żmien kollu tal-fidi tagħkom ma jiswielkom xejn jekk fi tmiem il-ħajja ma tkunux ilħaqtu l-perfezzjoni.

3. Għax fl-aħħar jiem il-profeti foloz u l-qarrieqa jitkattru; in-nagħaġ jinbidlu fi lpup u l-imħabba ssir mibegħda.[104]

4. Il-ħażen jikber, il-bnedmin jobogħdu, jippersegwitaw u jittradixxu lil xulxin;[105] imbagħad jidher il-Qarrieq ta' din id-dinja bħallikieku kien Bin Alla; jagħmel sinjali u għeġubijiet; l-art taqa' taħt idejh, u jagħmel ħażen li bħalu qatt ma sar sa mill-bidu taż-żmien.[106]

---

104. Il-provi ta' l-aħħar jiem ikunu qliel u ibsin: Mt 10,22; 24,5ss; Mk 13,13.

105. Mt 24,10ss; 7,15; 2 Pt 3,3.

106. L-awtur ħabbar il-miġja ta' l-Antikrist, "il-Qarrieq" *(kosmoplanès,* "il-qarrieq tad-dinja") bl-istess mod u kliem kif kitbu fuqu l-awturi tat-Testment il-Ġdid: Mt 24,24; 1 Tess 2,4.9; 2 Ġw 7; Apok 12,9; 13,2.13.14; 19,20.

5. Imbagħad il-bnedmin kollha jgħaddu mill-prova tan-nar;[107] ħafna jitfixklu u jintilfu;[108] imma dawk li jżommu sħiħ fil-fidi tagħhom isalvaw minn dak li hu "Saħta."[109]

6. U mbagħad jidhru s-sinjali tal-verità:[110] l-ewwel sinjal, il-ftuħ tas-sema; it-tieni sinjal, id-daqq tat-tromba; u t-tielet, il-qawmien tal-mejtin.

---

107. "Il-prova tan-nar." Ara 1 Pt 4,12.

108. Mt 24,10.13.

109. "Saħta" *(katáthema)*. Kelma li ħolqot diffikultajiet kbar. Min hu dan li hu "Saħta" u li jsalva 'l dawk li jżommu sħiħ sa l-aħħar? Nifhmu li hu Ġesù Kristu, għalkemm ma naqblux li għandu jissejjaħ hekk. Imma nifhmu li huma l-għedewwa tiegħu li tawh dan it-titlu. Il-Lhud u l-pagani li ma kinux jemmnu fih kienu jisħtu lilu u lid-dixxipli tiegħu. L-awtur tad-*Didachè* jgħidilna li, għalkemm l-għedewwa sejħulu "Saħta", ironikament hu salvazzjoni għad-dixxipli tiegħu. "Kristu fdiena mis-saħta tal-Liġi billi sar hu nnifsu saħta għalina" (Gal 3,13; ara 1 Kor 12,3).

110. "Is-sinjali tal-verità." L-awtur isemmi tliet sinjali jew provi tal-verità. Dawn imbagħad juru li Ġesù Kristu hu l-Verità u li kliemu hu kollu verità (Mt 24,30; Ġw 14,6).

7. Mhux tal-mejtin kollha, iżda kif jingħad: "Jiġi l-Mulej u l-qaddisin kollha miegħu."[111]

8. Imbagħad, id-dinja tara l-Mulej ġej fuq is-sħab tas-sema.

---------- o ----------

111. Ara Żak 14,5. L-awtur jinterpreta dan il-kliem tal-profeta Żakkarija fis-sens tal-qawmien mill-mewt tat-tajbin biss u mhux tal-ħżiena wkoll (ara 1 Tess 3,13).

# BIBLIOGRAFIJA

*Mill-ħafna xogħlijiet ta' studju li dehru fuq id-Didachè mill-pubblikazzjoni tiegħu mill-metropolita Filotew Bryennios fl-1883, nagħżlu dawn il-ftit li ġejjin għall-għajnuna ta' min irid jistudja din l-opra aktar fil-fond.*


- AGNOLETTO, A., *La "Didachè" (Lettura di un testo cristiano antico)*, Milano 1968.

- AUDET, J.P., *La Didachè. Instructions des apôtres*, Paris 1958.

- BIGG, C., *The Doctrine of the Twelve Apostles* (with new intro. and rev. notes by A.J. Maclean, Society for Promoting Christian Knowledge, London 1922).

- BOSIO, G., *I Padri apostolici* I (Corona Patrum Salesiana, ser. graeca 7, Turin 1940) 1-59.

- GIET, S., *L'énigme de la Didachè*, Paris 1970.

- KLAUSER, Th., *Doctrina duodecim apostolorum. Barnabae epistula (Florilegium patristicum, 1)*, Bonn 1940.

- KLEIST, J.A., *The Didachè, The Epistle of Barnabas, The Epistles and the Martyrdom of St. Polycarp, The Fragments of Papias, The Epistle to Diognetus*, New York/Ramsey, 1948.

- KRAFT, R.A., *Barnabas and the Didachè (The Apostolic Fathers, A new Translation and Commentary, III),* New York 1965.

- LAKE, K., *The Apostolic Fathers* I (Loeb Classical Library, London 1912) 305-333.

- LIGHTFOOT, J.B., *The Apostolic Fathers* (ed. by J.R. Harmer, London 1898) 213-242.

- MATTIOLI, U., *La Didachè, dottrina dei 12 Apostoli (Collana Patristica),* Edizioni Paoline 1969.

- RORDORF, W., - TUILIER, A., *La Doctrine Des Douze Apôtres (Didachè), Introduction, Texte, Traduction, Notes, Appendice et Index,* Paris 1978.

- STANISFORTH, M., *Early Christian Writings. The Apostolic Fathers,* Baltimore 1968.

-------------------------

# DIDACHÈ

## IT-TAGĦLIM TAT-TNAX-IL APPOSTLU

Barra l-kotba tat-Testment il-Ġdid, id-*Didachè* hu aktarx l-eqdem dokument li wasal għandna sa minn żmien l-appostli. Ma nistgħux ma nagħrfux il-valur u l-importanza ta' dan il-ktejjeb bħala xhud tat-tradizzjoni fuq il-fidi u l-ħajja tal-Knisja ta' l-ewwel żmien.

Naraw kemm jaqbel fit-tagħlim tiegħu mat-tagħlim ta' l-Evanġelji u tal-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid. Nagħrfu l-valur tat-tradizzjoni jew ta' l-Evanġelju ħaj fil-ħajja tal-Knisja. U nifhmu li din it-tradizzjoni sa mill-bidu mxiet id f'id mal-Kotba Mqaddsa u flimkien magħhom baqgħet tul il-mixja taż-żmien l-għajn waħdanija tar-rivelazzjoni divina għalina.

**Donat Spiteri OFMCap**